l-għid ta' l-assunta

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

l-għid ta' l-assunta

Ħarġa ta' darba fis-sena (Nru. 19 – 1984)

Editur:
Mons. Carmelo Scicluna
Arċipriet tal-Katidral.

Pubblikazzjoni:
Ċentru Kateketiku, Katidral.

Stampat 'Offset' minn
"Gozo Press", Għajnsielem.

Messaġġ ta' l-Arċipriet għal Jiem il-Festa

Il-15 ta' Awissu sar biċċa mill-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi. Din id-data tlaħħmet magħna l-Maltin u l-Għawdxin kollha. Ir-raġuni hija ċara. F'dan il-JUM infakkru s-solennità liturġika tat-Tlugħ fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem tal-Verġni Mbierka Marija. Iżda, jekk din id-data hija għażiża għal kull min igħammar f'dawn il-gżejjer, wisq aktar għandha tkun għalina, il-parruċċani tal-Knisja Katidrali, għax f'din il-knisja sa mill-ibgħad żmenijiet ġiet meqjuma l-Verġni Assunta. U jekk aħna rridu nagħtu xhieda tal-għożża li għandna lejn il-Jum tal-15 ta' Awissu, jeħtieġ li fil-jiem tal-festa:

- **nuru maturità nisranija** *billi nevitaw is-sokor u kull xorta ta' bluha li ma jogħġobx lill-Madonna;*
- **norjentaw lilna nfusna lejn direzzjoni eskatoloġika** *billi ma nonqsux li nieħdu sehem ħaj fil-funzjonijiet liturġiċi kollha li jsiru fil-Katidral f'ġieh il-Madonna;*
- **ngħixu dak li nemmnu** *billi ma nittimbrawx il-Vanġelu bl-'imprimatur' tal-konvenjenza ħalli ma nikkaġunawx dispjaċir lill-Madonna bl-imġieba tagħna;*
- **nkabbru l-kult Marjan** *billi l-enerġiji tagħna ma napplikawhomx għal dak biss li hu folkloristiku u mneżża' minn kull aspett reliġjuż;*
- **nqawwu fina s-sens ta' responsabiltà nisranija** *billi fil-festa ta' Santa Marija nagħtu xhieda ħajja li mhux veru li s-sagristija ma tipproduċix ħlief medjokrità mir-ripertorju fqir tagħha;*
- **nikbru fid-devozzjoni vera lejn il-Madonna,** *billi ma nagħtux idea li aħna għandna mentalità miskina magħġuna bil-moffa li trabbiet matul is-snin fl-armarji qodma ta-sagristija;*
- **Nagħmlu qrara sinċiera u tqarbina mill-aħjar** *billi ma nistaħbewx wara s-siparju tal-kuxjenza adulta: Aktar ma ngħixu qrib ta' Ġesù, aktar ngħixu qrib tal-Madonna;*
- **niftakru f'min hu anqas ixxurtjat minna** *billi nagħtu sehemna fil-kampanja tal-ġenerożità li tinżamm fil-parroċċa. B'hekk inkunu nixbhu lill-Madonna li f'ħajjitha dejjem offriet is-servizzi tagħha lil għajrha.*

Dawn huma l-linji li fuqhom irridu nimxu fil-ġranet tal-festa. Mhux veru li nkunu nħobbu lill-Madonna meta ngħajtu b'ħanxra daqshiex "Viva Santa Marija!" Mhux veru li nogħġbu lill-Madonna meta nimpikaw kemm nifilħu ma' ħaddieħor fl-isparar u fix-xalar bla rażan. Mhux veru li nagħtu gost lill-Madonna meta ninqdew bil-ġranet tal-festa biex inwessgħu aktar il-pjagi tal-firdiet. Festa sabiħa: Festa qaddisa! Festa Marjana! Festa Nisranija!

www.gozocathedral.org.mt

Il-Kommunità Parrokkjali tal-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta fis-sena 1678

Alexander Bonnici O.F.M. Conv.
H.E.D., S.Th.L., Ph.B.

Status Animarum

Fl-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, hemm sezzjoni importanti ta' dokumenti oriġinali li għadha ma hix magħrufa biżżejjed. Din il-ġabra ta' eluf ta' dokumenti tissejjaħ "**Status Animarum**". Kif fissret minn dejjem il-frażi, kull ġabra turi l-qagħda partikulari ta' xi parroċċa f'xi żmien. Kienet issir mill-Kappillan innifsu, u hu kien jagħmilha waqt li jżur il-familji kollha li kienu jifformaw il-kommunità parrokkjali tiegħu. Kopja ta' kull **Status Animarum** intbagħtet dejjem lill-Isqof. Il-parroċċa kienet iżżomm ukoll kopja għaliha. Imma, waqt li dawk tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta għadhom jeżistu, aktarx li ma nsibu kważi xejn dwar **Status Animarum** ta' mijiet ta' snin ilu fl-Arkivji tad-diversi parroċċi.

Biż-żmien, fl-Arkivju Arċiveskovili wkoll, id-dokumenti xterdu 'l hawn u 'l hinn. Illum, bil-ħidma ta' l-Arkivisti, dawn qed jinġabru u jitqiegħdu f'posthom. Dwar Għawdex ukoll, il-kwantità ta' **Status Animarum** hi enormi.



Il-qoxra tar-reġistru ta' li Status Animarum fl-Arkivju Arċiveskovili ta' Malta

Nistgħu naslu wkoll saż-żmien meta f'Għawdex ma kienx hemm ħlief żewġ parroċċi: il-Matriċi ta' l-Assunta u l-Parroċċa ta' San Ġorġ. Dwar iż-żmien ta' meta San Ġakbu u Savina kienu parroċċi, ma jidhirx li jeżistu **Status Animarum**.

Is-sena 1678 hija waħda importanti għall-istorja tal-Knisja ta' Għawdex. Sa minn żmien twil, kien ilu qed jinħass il-bżonn li l-kampanja tingħata importanza akbar. Imma, sa dik is-sena, kien għad ma hemmx ħlief iż-żewġ parroċċi tar-Rabat. **Status Animarum** tal-parroċċa ta' San Ġorġ għas-sena 1678 għadu ma nstabx. Imma dak tal-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta nstab. Sa mis-sena 1663, din il-Parroċċa Matriċi kienet ukoll Kolleġġjata magħrufa uffiċċjalment mis-Santa Sede. Din ir-relazzjoni tas-sena 1678 hi importanti għaliex hi l-aħħar waħda qabel ma ħarġet mill-Matriċi l-parroċċa tax-Xewkija. Ftit iżjed tard, fis-sena 1679, mill-Matriċi ħarġet ukoll il-parroċċa ta' l-Għarb.[1]

Tliet Zoni tal-Parroċċa

Il-parroċċa ta' l-Assunta kienet maqsuma fi tliet zoni. Kull zona hi mniżżla għaliha u kompletament mifruda mill-oħrajn. Iz-zoni kienu 1) **il-Kastell,** 2) **ir-Rabat,** 3) **il-Kampanja.**

www.gozocathedral.org.mt

L-ewwel folja tal-ġabra. Din tħaddan fiha l-membri l-iżjed importanti: il-Gvernatur ta' Għawdex, il-Loktenent tiegħu, il-Kanonċi u l-Kleru kollu tal-Kolleġġjata

www.gozocathedral.org.mt

Il-parroċċa ta' l-Assunta kellha jagħmlu minnha dawk kollha li kienu joqogħdu fil-Kastell, ftit minn dawk tar-Rabat, u l-parti l-kbira ta' dawk li kienu jgħammru l-kampanja Għawdxija.

Il-biċċa l-kbira tar-Rabat u ftit minn tal-kampanja kienu jagħmlu mill-kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ. Sa dak iż-żmien, kienet għadha ma saritx l-għaqda taż-żewġ parroċċi tal-Matriċi u ta' San Ġorġ taħt Arċipriet wieħed. Ta' min josserva wkoll li din il-ġabra tikkonferma għal darb'oħra li, uffiċċjalment, l-irħula ta' Għawdex ma kienu magħrufin bl-ebda isem. Għalhekk, **Status Animarum**, sa dan iż-żmien, għadu ma jagħmel ebda distinzjoni bejn dawk li joqogħdu fix-Xewkija, Għarb, Nadur, Xagħra, jew Żebbuġ. Ilkoll jitqiegħdu bħala nies li qed igħixu fil-kampanja.[2]

Il-Kommunità

Dak iż-żmien, l-Arċipriet tal-Matriċi ta' l-Assunta kien Dun Ġann Anton Camilleri, li kellu jmut fi żmien qasir. Imma, qabel ma jissemmew il-membri tal-Kleru, tniżżel bħala l-ewwel membru ta' din il-Kommunità Parrokkjali l-**Kavalier Ettore Pinto De Sosa.** Dan kien il-Gvernatur ta' Għawdex. Immedjatament warajh, jitniżżel **Bartolomeo De Villa**, il-loktenent tiegħu.[3]

Imbagħad, tiġi l-lista sħiħa tal-Kanonċi. Dawn kienu ħdax, imma tnejn minnhom kienu l-kanonċi-koġituri. Warajhom tiġi l-lista tal-membri tal-Kleru, li kienu 26, li fosthom x'uħud kienu għadhom djakni, u wieħed kien suddjaknu. Nosservaw li, fost id-djakni, hemm Dun Bernard Haber, li għaxar snin iżjed tard, kellu jiġi magħżul bħala l-ewwel kappillan tan-Nadur. Jitniżżlu wkoll l-uffiċċji li dawn il-membri tal-Kleru kellhom f'dik il-Kolleġġjata. Għalhekk, insibu ċerimonjier, organista, tliet kappillani tal-kor, u żewġ sagristi.[4]

It-taqsim kollu l-ieħor hu skond il-familji. L-ispazji bejn grupp u ieħor jurina d-distinzjoni ta' familja minn oħra. Imma l-membri tal-Kleru ma tniżżlux mill-ġdid mal-familji tagħhom. Taqsim ieħor ma hemmx ħlief tat-tliet zoni fuq imsemmija.

Il-persuni li kienu joqogħdu fiż-**zona tal-Kastell** kienu jwasslu għal 207.[1] Imma, waqt li l-membri tal-Kleru ma jingħaddux magħhom, jitniżżlu l-ftit kjerċi l-oħrajn li, skond il-liġijiet ta' dawk iż-żmenijiet, setgħu jiżżewġu. Xi persuni kienu jieħdu biss it-tonsura klerikali. Imma, imbagħad, kienu jgħixu bħal-lajċi l-oħrajn, u setgħu wkoll jiżżewġu. L-isem tagħhom ta' kjerċi kien jorbothom ħafna mal-Knisja u kienu jagħtu ħafna servizzi. Huma kienu jkollhom il-parroċċa tagħhom u, fil-viżti pastorali ta' l-Isqfijiet, kienu jidhru quddiem l-Isqof, bħalma jidhru l-qassisin. Fost tal-Matriċi, insemmu 'l-Kjerku Miżżewweġ Rokku Camilleri.[6] Fiz-zona tal-Kastell, jissemmew ukoll erba' nisa li jidhru li kienu "**Sorijiet**": tnejn minnhom kienu jgħixu flimkien u weħidhom, waqt li tnejn oħra kienu qraba u kienu qed igħixu mal-familja tagħhom.[7]

Il-persuni li kienu joqogħdu fir-**Rabat,** jiġifieri 'l barra mill-Kastell, u li kienu jagħmlu mill-parroċċa ta' l-Assunta kienu 59 biss.[8]

Imbagħad, iz-zona l-oħra tal-parroċċa, jiġifieri dik tal-kampanja, kienet waħda kbira għal dak iż-żmien. It-territorju tal-parroċċa kien qed iwassal minn tarf għall-ieħor ta' Għawdex. Aħna ma nsibux imniżżel it-total. In-numru tal-membri tal-Komunità qiegħed taħt kull kolonna biss. Imma, fil-firxa ta' 54 folja, hemm imniżżlin l-ismijiet ta' 2738 persuna.[9]

Dan ifisser li t-total ta' l-insara tal-parroċċa ta' l-Assunta fis-sena 1678 kien hekk:

KASTELL:	207
RABAT:	59
KAMPANJA:	2738

B'KOLLOX:3004

Il-Problemi

Dwar il-lajċi kollha tal-parroċċa, tagħrif hu nieqes għaliex ma nsibux imniżżel ħlief kelmiet li jgħidulna jew il-persuna tkunx missier, omm, armel, armla, bin jew bint. Kultant, insibu xi nota ta' interess akbar. Fost l-oħrajn, jissemma ċertu **Baskal**, li kien magħruf bħala "**ir-Raħeb tal-Qala**".[10]

Ir-rapport jagħlaq billi jissemmew xi problemi pastorali li l-Arċipriet xtaq isib xi soluzzjoni għalihom. Il-problemi kienu dawn.

Fil-Kastell, kienu qed igħixu tliet koppji miżżewġin; imma r-raġel u l-mara kienu nfirdu minn xulxin. Huma baqgħu jgħixu fil-kastell stess, imma għal rashom.[11]

Tissemma wkoll persuna waħda biss li kienet imbiegħda mill-Knisja. Din ma reditx tersaq titqarben lanqas għaż-żmien ta' l-Għid il-Kbir. Isem din il-mara kien Isabella Formosa. Hi kienet tgħix fid-dar ta' ċertu Pawlu Madiona, u kienet il-qaddejja tiegħu.[12]

www.gozocathedral.org.mt



L-aħħar folja: li turi xi problemi morali tal-parroċċa: kopji separati u oħrajn li tqiesu mbiegħda mill-Knisja

Il-każ li aktar minn kull ieħor kien qed jinkwieta lill-Arċipriet tal-Matriċi kien dak ta' Terzjana Micallef. Din kienet sfat armla wara l-mewt ta' żewġha Ganni. Imma, imbagħad, għall-flus hi bdiet tbiegħ ġisimha; għalhekk, hi titqies bħala **"Prostituta Pubblika"**[13]

Din kienet il-qagħda pastorali tal-parroċċa ta' l-Assunta, ftit iżjed minn tliet mitt sena ilu, meta dik il-Matriċi Kolleġġjata kellha tagħmel minnha madwar nofs il-popolazzjoni ta' Għawdex.

DOKUMENTAZZJONI

1. Żmien ilu, jiena ppubblikajt id-digrieti ta' l-ewwel parroċċi tal-Kampanja ta' Għawdex. Ara Alex Bonnici, **Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-ewwel Parroċċi ta' Għawdex**, 1975, pp. 114-117.
2. Dwar il-Kampanja ta' Għawdex, ara l-kitba ta' l-Inkizitur ta' Malta Giormu Casante li jiena wkoll kont ippubblikajtha: **Ibid.**, pp. 109-110.
3. AAM, **Status Animarum**, I, n. 6, f. 2r.
4. Ibid.
5. Ibid., ff. 2r-4v.
6. Ibid., f. 2v.
7. Ibid.
8. Ibid., ff. 4v-5r.
9. Ibid., ff. 5r-32v.
10. Ibid., f. 26r.
11. Ibid., f. 33r.
12. Ibid.
13. Ibid.

IL-MARJOLOĠIJA U L-KULT MARJAN
MATUL IL-MEDDA TWILA TAS-SNIN

ktieb ġdid u ta' tagħlim ta'

MONS. ARĊIPRIET CARMELO SCICLUNA

dwar

id-Devozzjoni lejn il-Madonna tul is-sekli

Jinbiegħ 60c

mill-'Bookshop' taċ-Ċentru tal-Katidral, mingħand il-Patrijiet Franġiskani Konventwali u mil-librara ewlenin ta' Malta u Għawdex.

www.gozocathedral.org.mt

1726 IL-BIDU TAL-PURĊISSJONI TA' SANTA MARIJA

Fr. Joe Bezzina

Is-sena 1726 għandha tkun miktuba b'ittri tad-deheb fil-ġrajja twila u glorjuża tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Dik is-sena twettaq avveniment li, ta' kull sena, għadu jirrepeti ruħu sal-lum nhar il-15 ta' Awissu. Nhar l-Għid ta' l-Assunta ta' dik is-sena, ħarġet għall-ewwel darba mill-Knisja Matriċi ta' Għawdex il-purċissjoni ta' Santa Marija.

L-ewwel purċissjonijiet

Kien aktarx fl-1598 li bdew isiru l-purċissjonijiet mill-Matriċi ta' Għawdex. Kienu dawn il-purċissjonijiet devozzjonali f'ġieh il-Madonna tar-Rużarju. Kif ktibt fi **L-Għid ta' l-Assunta** tas-sena l-oħra, il-fratellanza tar-Rużarju tal-Matriċi kellha anke statwa tal-imsemmija Madonna li kienu joħorġuha fuq l-ispallejn nhar l-ewwel Ħadd ta' Ottubru ta' kull sena.[1]

Il-purċissjoni tar-Rużarju kienet l-ewwel waħda li bdiet issir mill-Matriċi u aktarx ukoll l-ewwel waħda ta' Għawdex kollu. Sa dak iż-żmien din kienet l-unika purċissjoni. Bil-mod il-mod bdiet issir ukoll il-purċissjoni bis-Santissimu Sagrament nhar il-Ħamis tal-Korpus, il-Ħamis fuq Ħadd it-Trinità. Il-purċissjonijiet nhar il-festa titulari ma kienu jsiru mkien.

Infatti, dik il-ħabta, jiġifieri lejn il-bidu tas-seklu sbatax, il-Festa Titulari kienet tikkonsisti f'quddiesa solenni bil-mużika u ftit sparar ta' maskli; dawn ta' l-aħħar saru popolari mal-miġja tal-Kavallieri wara l-1530.[2] Fil-Festi tal-parroċċi u tal-Knejjes kbar kienet issir ukoll ikla kif imiss għall-foqra.[3] Il-foqra kollha żgur kien imisshom pinta nbid u għażżiela — din kienet kagħka tonda mdaqqsa magħmula mill-għaġina u msajra fil-forn b'għadd ġmielu ta' ħwawar.[4] F'Santa Marija, l-ikbar festa tal-Għawdxin, kienu jsiru wkoll it-tiġrijiet tal-bhejjem fit-telgħa magħrufa minna sal-lum bħala Triq it-Tiġrija.[5]

Allura kien fadal ħafna snin biex titwieled il-purċissjoni nhar il-festa.

Il-bidu tas-seklu tmintax

Is-seklu sbatax ma tantx kien spiċċa tajjeb ħafna għall-poplu Għawdxi. Nhar il-11 ta' Jannar, 1693, terremot tal-biża' kien riegħed lil Għawdex għal ftit sekondi. S'issa għadu qatt ma għamel terremot qawwi daqshekk. Ma nafux li mietu nies iżda ħsara saret bil-għama. Il-matriċi ta' l-Assunta kienet tant theżżet li qatgħu qalbhom li qatt jistgħu jsewwuha. L-Arċipriet tal-Matriċi, il-kbir għaref Dun Karlu Magri, tant ħadha bi kbira li miet bl-għali ta' dak li ġara nhar il-25 ta' Ottubru, 1693. Kellu 76 sena.[6]

Laħaq minfloku il-koadjutur tiegħu Dun Nikol Natal Cassia.

Dun Nikol Natal Cassia Magri

Dun Nikol twieled il-Belt Valletta fl-1662. Sa minn żgħożitu wera ġibda għal qassis u wara li ħa l-ewwel tagħlim tiegħu l-Belt, il-ġenituri tiegħu bagħtuh Għawdex għand l-imsemmi għaref Arċipriet Dun Karlu Magri. Dan kompla jħarrġu fix-Xjenzi Ekkleżjastiċi. Mar Ruma minn fejn kiseb Dottorat fil-Liġi ċivili u ekkleżjastika. Dlonk reġa' lura Għawdex igħin lill-benefattur tiegħu li kien beda jixjieħ sewwa.

L-Arċipriet Magri wara li fela u għarrex tajjeb il-ġibdiet tajba li kellu Dun Nikol, ħaseb u ra biex jagħmlu kuġitur tiegħu. Ħa l-pussess ta' Arċipriet Kuġitur tal-Matriċi nhar il-21 ta' Lulju, 1691. Mal-mewt ta' Dun Karlu sar awtomatikament Arċipriet. U b'xhieda ta' qima lejn Dun Karlu dlonk żied mal-kunjom tiegħu Cassia l-ieħor ta' Magri.[7]

Il-Kanonku tal-Matriċi Ġan Piet Franġisk Agius de Soldanis li jiftakar sew lil Dun Cassia, igħidilna li dan kellu dehra ta' bniedem iebes. De Soldanis jiftakar anzi li kellu xeħta ta' qalil. Kulħadd kien jibża' xi ftit minnu. Imma minn ġewwa kien ta' qalb tajba u allura kien maħbub minn kulħadd.[8]

L-ewwel biċċa wġigħ ta' ras kbira li kellu jħabbat wiċċu magħha kienet il-kwistjoni tal-

www.gozocathedral.org.mt

Knisja. Ma tantx dam itella' u jniżżel. Qatagħha li minħabba l-ispejjeż enormi li kienu meħtieġa biex issirilha tiswija, kien iktar jaqbel li tinbena mill-ġdid. Ried jirbaħ elf diffikultà iżda ma qatax qalbu.

Frott il-ħidma tiegħu hi l-ġawhra tal-Knisja Katidrali li għandna llum. Qiegħed hu nnifsu l-ewwel ġebla nhar il-21 ta' Settembru, 1697. Kien permezz tal-ħeġġa kbira tiegħu li x-xogħol kollu tal-ġebel intemm fi żmien verament qasir: nhar l-14 ta' Awissu, 1711. U ma hediex jitlob u jsaqqaf wiċċu mal-Gran Mastru u l-Kavallieri ta' San Ġwann ħalli jaqla' minn għandhom kulma kellha bżonn il-Matriċi l-ġdida. Kien bla dubju ta' xejn l-iktar persuna ferħana f'Għawdex, meta nhar il-11 ta' Ottubru, 1716, l-Isqof ta' Malta u Għawdex, Giacomo Cañaves ikkonsagra l-Matriċi l-ġdida. Kienet l-inkurunament tal-ħeġġa u l-ħidma ta' Dun Nikol.[9]

Devot ta' l-Assunta

Dun Nikol ma qagħadx bi kwietu meta lesta l-Matriċi. Kien ta' sikwit jagħmel eżerċizzi spiritwali għall-Kleru u l-poplu kollu Għawdxi biex jiġbidhom lejn il-Knisja. Kellu don kif jippriedka u bil-kelma tiegħu ġibed bosta lejn Alla u lejn Ommu Marija.

Kien ukoll imħarreġ ħafna fiċ-ċerimonji u fir-riti tal-Knisja. Il-Liturġija fil-Matriċi kienet imwettqa bl-ikbar eżattezza. U minħabba f'hekk il-poplu beda jikkonkorri iktar minn qabel għaċ-ċerimonji li kienu jsiru hemm.[10]

Dun Nikol qatt ma kien jehda fil-ħidma sfiqa tiegħu. Dejjem ħsiebu biex jara x'jagħmel ħalli jqanqal id-devozzjoni tal-Għawdxin lejn il-Madonna. Kien jaf kemm kienet popolari u kemm kienet tiġbed folol ta' nies il-purċissjoni tar-Rużarju. U f'mument minn dawn qisu għaddielu ħsieb minn moħħu kemm kien ikun jixraq kieku kellu jagħmel xi ħaġa simili nhar l-Assunta, it-titular tal-Matriċi u l-festa prinċipali ta' Għawdex.

15 ta' Awissu, 1726

Kienet is-sena 1726 — egħluq l-għaxar sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-ġdida. Bħal qabel ma tantx dam itella' u jniżżel. Iddeċieda li nhar Santa Marija ta' dik is-sena jagħmel purċissjoni madwar iċ-Ċittadella.

Milli jidher il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Matriċi qabel miegħu. Il-qassisin tar-Rabat ukoll approvaw il-ħsieb sabiħ tiegħu. L-Isqof Gaspare Gori, li fl-1722 kien ikkonfermah Provigarju tiegħu għall-gżira ta' Għawdex u Kemmuna u li kien iġibu ħafna, ma setax ma japprovalux għal kollox il-ħsieb tiegħu.

Ħalli l-purċissjoni tkun isbaħ, ikbar u iktar devota, l-Arċipriet Dun Nikol qatagħha flimkien mal-Kapitlu li jistiednu wkoll lill-patrijiet li dik il-ħabta kellhom kunvent ir-Rabat: l-Agostinjani u l-Franġiskani Konventwali. U mn'Alla kien hekk. Għax l-aħbar dwar l-ewwel purċissjoni ta' Santa Marija nafuha proprju minn notament li għadu konservat sal-lum fil-Kunvent ta' San Franġisk, ir-Rabat.[11]

Fl-1726 kien gwardjan tal-Kunvent Patri Giovanni Camenzuli. Dan laqqa' l-għaxar patrijiet li kien hemm allura fil-kunvent biex igħidilhom bl-istedina ta' l-Arċipriet, jiġifieri **d'intervenire alla processione particolare nuovamente introdotta nella mattina nel giorno dell'Assunta di Nostra Signora.**[12] Xtaqu kieku jilqgħu t-talba ta' l-Arċipriet. Iżda billi nhar l-Assunta kien sa minn żmien żemżem ikollhom ħafna qrar u tqarbin, dehrilhom li ma kienx possibbli li jħallu l-Knisja u l-fidili ħalli jmorru għall-purċissjoni. Kontra qalbhom kellhom jirrifjutaw l-istedina ta' l-Arċipriet tal-Matriċi.[13]

Mat-tbexbix ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Awissu, 1726, il-poplu Għawdxi kollu ffolla fil-Kastell biex ġol-Knisja Matriċi jmur iqim lil Santa Marija nhar l-Għid minn tagħha. Barra dan, dak inhar, riedu għall-ewwel darba jieħdu sehem bid-devozzjoni kollha fl-ewwel purċissjoni f'ġieh l-Assunta. Fetħu l-purċissjoni l-fratellanzi bil-bnadar, is-slaleb u l-lanterni tagħhom. Fl-aħħar imxiet il-bandiera bajda tal-Fratellanza tas-Sagrament, l-eqdem waħda ta' Għawdex. Wara l-fratelli kollha, imxew il-Patrijiet Agostinjani, il-kleru kollu tar-Rabat, il-Kapitlu tal-Matriċi u, fl-aħħarnett, bejn żewġ djakni jżommu t-truf ta' kappa mdehba u bir-relikwa tal-Madonna f'idu mexa l-Arċipriet Dun Nikol Natal Cassia Magri.

Kienet qed isseħħ dak il-ħin it-tieni ħolma ta' ħajtu!

Egħluq

Mifluġ minn deni qawwi, l-Arċipriet Cassia Magri miet fl-għomor ta' 67 sena, nhar is-16 ta' April, 1729. L-Arċipriet-Elett tal-Matriċi Dun Adeodatu Formosa dlonk qatagħha li jkompli d-drawwa tal-purċissjoni. Infatti reġa' stieden lill-patrijiet Franġiskani biex jieħdu sehem.[14]

www.gozocathedral.org.mt


Memoria, come fu introdotta la Processione dell'Assunta su 15: d'Ag.o come si cava da un notamento nella giuliana ... nato, del tenore, che siegue.

Perche ne giorni scorsi, siamo stati invitati da chi spetta d'intervenire alla processione particolare, nuovamente introdotta nella mattina nel giorno dell'Assunta di Nostra Sig.ra con che tal intervento fu stimato, molto pregiudiziale, al ... si per lasciar abbandonata la Chiesa nostra nelle Confessioni, in tal giorno in cui vi sarà un gran concorso di penitenti, come pure, perche il Convento soggiaceva, in perpetuo all'aggravio d'una processione annua, & insolita: Per ciò da noi capitolarmente congregati, fu stabilito di non intervenire a d.a processione, per non portar in avvenire tal aggravio alla ... Onde in attestato della verità abbiamo fatto la presente nota sotto scritta da tutti li Religiosi, e sugillata col sugillo del Convento, li 14 Ag.o 1726.

Io fra Giovanni ... Guard.o Conf.o ...

Io fra ... Conf.o ...

Io fra Onofrio ... Conf.o ...

Io fra ... Conf.o ...

Io fra ... Conf.o ...

Io fra ... Conf.o ...

Io fra ... Conf.o ...

Io fra Ludovico ... Conf.o ...

Io fra Raffaele ... Conf.o ...

Io fra Franc.o Vassallo Conf.o ...

Io fra Baldassare ... Conf.o ...

... in Giuliana

Ir-rapport tal-laqgħa li għamlu l-Patrijiet Franġiskani Konventwali nhar l-14 ta' Awissu, 1726, biex jaqtgħuha jehdux sehem jew le fl-ewwel purċissjoni ta' Santa Marija li kienet ser issir l-għada. Hajr lil *Patri Muscat ofm conv.* tal-kopja ta' dan ir-rapport.

www.gozocathedral.org.mt

Dik is-sena kien Gwardjan ir-Rabat, Patri Ġużepp Debono. Bih b'kollox fil-kunvent kien hemm tmien patrijiet. Nhar it-3 ta' Awissu, 1729, għamlu laqgħa bejniethom. Iddeċidew li peress li l-Agostinjani kienu bdew jieħdu sehem fil-purċissjoni, lanqas huma, minkejja kollox, ma kellhom joqogħdu lura. U avżaw lill-Arċipriet-Elett li minn dik is-sena kienu ser ikomplu jkabbru l-purċissjoni ta' l-Assunta bil-parteċipazzjoni tagħhom.[15]

Nistħajjel tqalleb bil-ferħ l-għadam ta' Cassia Magri, li kien ġie midfun fil-qabar ta' l-Arċiprieti tal-Matriċi fil-kappella tas-Sagrament. Fil-11 ta' Lulju, 1834, l-għadam tiegħu bl-irħama ta' fuqhom kienu trasportati u midfuna mill-ġdid fil-kappella ta' San Franġisk ta' Pawla, sewwa sew quddiem in-niċċa tar-Redentur.[16] Għalhekk, għażiż qarrej, meta f'dawn il-ġranet tirfes f'dawk l-inħawi tal-Knisja Katidrali, ftakar naqra li proprju taħtek jinsabu l-fdalijiet ta' l-Arċipriet Nikol Natal Cassia Magri, dak li organizza l-ewwel purċissjoni ta' Santa Marija.

REFERENZI:

1. Ara **L-Għid ta' l-Assunta** 18 (1983) paġni 6-8.
2. Dan it-tagħrif u ieħor bħalu jinstab fit-tieni kapitlu tal-ktieb tiegħi **RELIGION AND POLITICIS IN A CROWN COLONY. The Gozo Story. 1798-1864**, li għandu jiġi ppubblikat u jkun għall-bejgħ f'Ottubru li ġej.
3. Mit-tieni kapitlu tal-ktieb tiegħi.
4. L-istess.
5. L-istess.
6. Ara Ġan Piet Franġisk AGIUS DE SOLDANIS, **Għawdex bil-ġrajja tiegħu**, II, Malta 1953, paġni 160-161.
7. L-istess, paġna 163.
8. L-istess.
9. Dan it-tagħrif hu meħud miż-żewġ skrizzjonijiet li hemm fuq il-fonti tal-magħmudija u faċċata tagħha hekk kif tidħol fil-Katidral. Aktarx li kienu miktuba mill-istess Arċipriet Nikol Cassia Magri.
10. Ara DE SOLDANIS, II, paġna 163.
11. Ara fl-ARKIVJU TAL-FRANĠISKANI, VICTORIA, GĦAWDEX. **Cabreo sive Inventarium omnium et singulorum bonorum...confectum per me Notarium Ioannem Franciscum Alboranti, 1725**, folji 154v-155r.
12. L-istess, folja 154v.
13. L-istess.
14. L-istess, folja 155r.
15. L-istess.
16. Ara A. FERRIS, **Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo**, Malta 1866, paġna 549.

Wasal biex joħroġ il-ktieb tant mistenni dwar

L-ISTORJA TA' GĦAWDEX

ta'

FR. JOE BEZZINA

RELIGION AND POLITICS IN A CROWN COLONY

THE GOZO STORY

1798 – 1864

- **ktieb ta' madwar 350 paġna,**
- **imżewwaq b'135 ritratt oriġinali, u**
- **mimli tagħrif dwar il-gżira ta' Għawdex li qatt għadu ma ġie ppubblikat**

ATTENTI GĦALL-OFFERTA BI SKONT TA' 30% GĦAL MIN JORDNAH QABEL IL-PUBBLIKAZZJONI.

IL-KAPITLU TAL-KATIDRAL TA' 100 SENA ILU

fi żmien l-Isqof Pietru Pace, D.D., J.U.D. (1877-1889)

*(mill-*Kavallier Joseph Borg, K.M., Ph.C., L.P.*)*

Il-Kapitlu tal-"Matriċi" twaqqaf proviżorjament mill-Isqof Fra Baldassru Cagliares, S.Th.D., J.U.D. (1615-1633), l-uniku Isqof Djoċesan Malti f'dawn il-Gżejjer tul il-ħakma tal-Kavallieri, imwieled il-Belt Valletta fl-1575 iben l-Imħallef Melkiorr Cagliares Burlò, J.U.D., mill-Birgu u martu Marija mwielda Falzon mix-Xagħra t'Għawdex, dak iż-żmien tagħmel parti mill-parroċċa tal-"Matriċi", fis-6 ta' Ġunju, 1623, u ratifikata mill-Vatikan fl-20 ta' Ottubru, 1663. In-numru tal-Kanonki ta' l-Ewwel Kapitlu kien ta' ħamsa barra l-Arċipriet Dun Salvatore Pontremoli, S.Th.D., minn Għawdex (1621, 1623-1655, miet 5.6. 1667) li kien kuġin ta' l-Isqof.

L-Isqof Pietru Pace li mitt sena ilu kien imexxi d-djoċesi ta' Għawdex (1877-1889)

Is-seba' Kanonikat, dak tat-Teologu, żdied fl-1625 bi prebenda mill-flus li kien ħalla l-Kjerku Nikol-Anġlu Maħnuq, sive Maccanuzio, J.U.D., b'Dun Anton Dumez, S.Th.D., li sena wara mar Kappillan taż-Żurrieq (1626-1635) u floku sar wieħed mill-ħames Kanonki Dun Ġakbu Formosa, S.Th.D., li wara mar Kappillan tal-Gudja (1635-1654).

It-tmien u disa' Kanonikati żdiedu fl-1662 mill-Isqof Fra Mikiel-Ġanni Balaguer de Camarasa, J.U.D. (1635-1663).

L-għaxar Kanonikat twaqqaf fil-15.3.1657 mill-Isqof Fra Lawrenz Astiria, J.U.D. (1670-1677).

Ħames Kanonikati oħra saru fis-27.10.1729 mill-Arċisqof-Isqof Fra Pawlu Alpheran de Bussan, S.Th.B. (1728-1757).

Is-sittax il-Kanonikat bħala Penitenzier sar fid-29.1.1737 mill-istess Isqof minn benefiċċju pprovdut għal t'apposta mix-xebba Għawdxija Tereża Debono bint missier minn Ħal Qormi.

Is-sbatax il-Kanonikat bid-dinjità ta' Teżorier, wara dik ta' Arċipriet, twaqqaf ukoll mill-istess Isqof De Bussan.

It-tmintax il-Kanonikat bħala Lettur twaqqaf mill-imsemmi isqof Pietru Pace fl-10 u promulgat u mimli fis-27 ta' l-istess xahar ta' Frar, 1880.

Id-Dinjità ta' Arċidjaknu bħala Preminent

www.gozocathedral.org.mt

twaqqfet fl-1871 mill-Isqof Anton Grech Delicata, J.U.D. (1867-1869-1876).

Fil-bidu l-Kapitlu kien jilbes rukkett biss, il-mozzetta ngħatatlu fl-20.7.1728 mill-Papa Beneditt XIII (1724-1730), id-dekorazzjoni pettorali bil-fettuċċja kaħla mberfla bid-deheb ingħatat fl-1781 mill-Gran Mastru Fra Emmanuel-Marie de Rohan Polduc (1775-1797) bl-approvazzjoni tal-Papa Piju VI (1775-1799), il-mazza mill-Papa Piju IX (1846-1878) li waqqaf id-Djoċesi Għawdxija fl-1864 u li anki waqqaf id-Dinjitajiet ta' Dekan u Kantur qabel dik ta' l-Arċipriet, is-suttana filettata fl-20.8.1892, it-titlu ta' Monsinjuri u anki l-mitra fl-1900 mill-Papa Ljun XIII (1878-1903) u s-suttana vjola fit-13.6.1904 u l-ġummiena vjola fil-berettin fl-1907 mill-Papa qaddis Piju X (1903-1914).

Il-Papa Piju IX (1846-1878) li għolla l-Knisja Matriċi ta' l-Assunta għad-dinjità ta' Knisja Katidrali

Il-Kapitlu Katidrali **ta' preċiż 100 sena ilu,** meta ma kienx għadu akkwista l-privileġġi ta' Prelati Domestiċi però li kien diġà akkwista mill-imsemmi Papa Piju IX b'rakkomandazzjoni tal-imsemmi Isqof Grech Delicata "dei Marchesi Testaferrata Cassia" l-użu tal-firjolun vjola (Mantellone) u tal-buġija (Palmatoria) mill-4.8.1872, kien kompost minn dawn il-Wisq Reverendi Kanonki:

1. Arċidjaknu Mikielanġlu Garroni.
   Qabel kien Kantur mill-1864 u sar Arċidjaknu kif inħolqot din l-Ewwel Dinjità Kapitolari fl-1871. Miet fl-1885.
2. Dekan Salvatore Refalo.
   Sar Dekan fl-1864, u allura dak iż-żmien il-Preminent tal-Kapitlu, fit-twaqqif tad-Djoċesi.
3. Kantur Anton Cauchi.
   Laħaq f'did-Dinjità fl-1883 wara l-mewt tal-Kantur Ġużeppi Agius li qabel kien Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb pajjiżu sal-1871. Il-Kantur Cauchi qabel kien l-Ewwel Kappillan tal-Parroċċa ta' Għajnsielem (mill-1885 sal-1864) meta ġie promoss Kanonku-Kuġitur tal-Katidral flimkien mal-Kanonki sħabu Ġorġ Mercieca, Franġisku Borg, ex-kappillan ta' Sannat (Mejju-Diċembru 1862) u Arċipriet taż-Żebbuġ, Malta (6.2.1863-23.5.1864), u l-Kjerku Ġużeppi Teuma, kuġitur ta' zijuh patern Kanonku Franġisku D.D., Kanċellier u Maestro di Cappella fl-okkażjoni tat-twaqqif tad-Djoċesi u tal-Knisja "Matriċi" ta' Santa Marija bħala Katidrali. Dal-Kantur Cauchi ġie magħżul Vigarju-Ġenerali (1887-1891, meta baqa' biss Onorarju u miet fl-1892), waqt li f'dik is-sena bħala Vigarju-Ġenerali effettiv sar l-Arċipriet Monsinjur Kanonku Feliċ Refalo, D.D.
4. Arċipriet Feliċ Refalo, D.D.
   Dan l-Arċipriet qabel kien Arċipriet-Kanonku tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb (mis-7.4.1867 sat-12.7.1868) meta ntagħżel Arċipriet-Kuġitur tal-Katidral ma' l-Arċipriet Kanonku Franġisku Mercieca (Jannar 1865 — miet 15 t'April 1869) u mal-mewt ta' dan sar effettiv.

   Serva ta' Vigarju-Ġenerali (1891-1892) meta ċeda din l-ogħla kariga saċerdotali lil kuġinuh, il-Kanonku sieħbu Mikiel-Anġlu Refalo Teuma, D.D. Dan l-Arċipriet tal-Katidral sar l-Ewwel Prelat Domestiku fost l-Arċiprieti tal-Katidral. Miet ta' 79 sena fit-22.5.1917.
5. Teżorier Ġorġ Mercieca.
   Kienu għażluh Kanonku-Kuġitur, kif diġà alludejt, mill-1864. Laħaq f'din id-Dinjità ta' teżorier fl-1882 wara l-mewt tat-

www.gozocathedral.org.mt

Teżorier Franġisku Teuma, D.D., li kien għadu kif ħa did-Dinjità Kapitolari wara l-mewt f'tarf is-sena ta' qabel 1881 tal-Kanonku-Teżorier Franġisku-Saverju Formosa (Vigarju-Kapitolari f'Jannar-Frar 1877) li kien sar Teżorier wara l-mewt tat-Teżorier Karlu-Anton Bondi ta' żmien l-Erezzjoni.

Fl-1882 it-Teżorier Ġorġ Mercieca, li baqa' msemmi għall-antifona famuża ta' Santa Marija "Hodie Maria Virgo", kien magħżul mill-Isqof Pace assistent-Maestro di Cappella mis-surmast Maestro di Cappella Adrijanu Lanzon, L.P. (1820-1894).

Il-Kanonku-Teżorier Ġorġ Mercieca miet fid-9.4.1894.

6. Kanonku Franġisku Zammit, li jinsab fil-lista tal-Kanonki ta' żmien l-Erezzjoni tad-Djoċesi fl-1864.
7. Kanonku Franġisku Cauchi.
8. Kanonku Mikielanġlu Refalo Teuma, D.D. Penitenzier.

   Qabel kien it-tielet Kappillan ta' Għajnsielem (1865-1866); sar Kanonku tal-Katidral fl-1866, Teologu fl-1874 wara l-mewt tal-Kanonku-Teologu Tumas Pace, D.D., Vigarju-Ġenerali 1892 sa mewtu fl-1907, Protonotarju Apostoliku u Teżorier fl-1894. (Hemm irħama sepolkrali f'ismu fin-nava vojta li tagħti għal fuq is-sur).
9. Kanonku Ġużeppi Mizzi, min-Nadur, Teologu.
   Fl-1885 laħaq fl-Ewwel Dinjità tal-Kapitlu jiġifieri dik ta' Arċidjaknu u miet ta' 80 sena fit-23.2.1923 u ġie midfun fil-Kolleġġjata ta' pajjiżu fil-qabar Nru. 21, u minfloku bħala Arċidjaknu sar il-Monsinjur-Kanonku Teologu "ta' fama qaddisa" Luigi Vella D.D., P.E.P, B.M. (1859-1928), neputi matern tal-Kanonku Teżorier Ġorġ Mercieca.
10. Kanonku Salvatore Calleja.
11. Kanonku Ġużeppi Buttigieg.
12. Kanonku Salvatore Grech, li mill-24.2.1884 kien inkarigat mill-Opra Missjunarja tas-Santa Infanzja f'Għawdex. Miet fl-1915.
13. Kanonku Ġużeppi Pace.
14. Kanonku Pawlu Camilleri.
15. Kanonku Franġisku Cassar, wara promoss Kantur mill-1907.
16. Kanonku Franġisku Camenzuli, l-Ewwel Rettur mis-27.2.1880.
    Wara sar Kanċellier u sussegwentement Teżorier mill-1907.
    Kien ħa l-Pussess tad-Djoċesi f'isem l-Isqof Mikiel Gonzi, D.D., J.C.D., fid-9.8.1924.
17. Kanonku Giovanni Saliba "tal-Ħaruf", li għamluh fl-1.5.1881.
    Twieled 4.2.1852, Ordnat Saċerdot 1877, nominat Kanonku tal-Katidral 1880 wara l-mewt f'dik is-sena tal-imsemmi Kanonku Franġisku Borg, ziju tar-raġel Toni Borg ta' oħtu Karmela (in-nanna tiegħi).
    Fid-19.9.1891 ġie nominat bħala t-tielet Kappillan tal-Qala, ħa l-pussess fit-8.11.1891 u miet fit-23.3.1919. Fi żmienu tkompla l-bini tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp, inxtrat l-istatwa titulari minn għand id-Ditta Gallard & Fils ta' Marsilja fl-1892, tpitter il-kwadru ta' l-artal maġġur mill-artist Ġużeppi Caħi tal-Belt (1846-1930) fl-1899, sar l-irħam tal-art mingħand id-Ditta Lorenzu Sarè ta' Victoria, eċċ., eċċ.
18. Kanonku Karmelo Sultana.
19. Kanonku Ġużeppi Cachia, Kuġitur.
20. Kanonku Giovanni Cutajar, Kuġitur.
21. Kanonku Salvatore Cauchi, Kuġitur.
22. Kanonku Ġużeppi Sultana, Kuġitur.
23. Kanonku Sidor Cauchi, Kuġitur.
24. Monsinjur Kanonku-Onorarju Salvatore Grech Delicata, Prelat Domestiku, ħu l-Isqof Anton u li kellhom ħuhom ieħor Giovanni Kanonku tal-Katidral tal-Imdina fejn fil-korsija hemm il-lapidi ta' dawn iż-żewġ Monsinjuri Kanonki Giovanni u Salvatore.
25. Kanonku-Onorarju Mikiel Seychell.
26. Kanonku-Onorarju Salvatore Vella.

Fl-1884 ma kienx hemm Vigarju-Ġenerali f'Għawdex għax l-aħħar wieħed il-Kanonku Teżorier Franġisku-Saverju Formosa kien miet fl-1882, u l-Kanonku Kantur Anton Cauchi tawh dil-kariga fl-1887.

Is-Segretarju ta' l-Isqof kien Dun Ġużeppi Farrugia, D.D. "tal-Vers", wara Kanonku Teologu fl-1886, Dekan fl-1907, Protonotarju Apostoliku u Vigarju-Ġenerali (1907 - sa mewtu fl-1925).

www.gozocathedral.org.mt

ĠUBLEW SAĊERDOTALI

Nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Ġunju, fl-okkażjoni tal-Ftuħ ta' l-Espożizzjoni Solenni fil-Katidral ta' Għawdex, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni ma' żewġ Monsinjuri li din is-sena għalqu 50 sena jqaddsu, ma' żewġ Monsinjuri oħra li din is-sena għalqu 25 sena jqaddsu kif ukoll ma' saċerdot li hu addett għas-servizz pastorali tal-Katidral u li f'din is-sena qed jiċċelebra wkoll il-Ġublew tal-Fidda mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

Il-Monsinjuri li qegħdin jiċċelebraw il-Ġublew tad-Deheb mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom huma Mons. Mikiel Grech u Mons. Ġwann Galea. Dawn kienu ġew ordnati saċerdoti f'Marzu 1934 mill-Isqof Mikiel Gonzi.

Il-Monsinjuri li din is-sena qegħdin jiċċelebraw egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni saċerdotali tagħhom huma Mons. Rużarju Borg u Mons. Lawrenz Xerri li kienu ġew ordnati saċerdoti minn Mons. Isqof Jos. Pace fil-Katidral ta' Għawdex f'April, 1959.

Is-Saċerdot l-ieħor huwa Dun Ġużepp Saliba li ħa l-ewwel quddiesa tiegħu f'April ukoll tas-sena 1959. Dun Ġużepp Saliba hu ddedikat ħafna għall-konfessjunarju fost il-parruċċani tal-Katidral.

Wara din iċ-ċelebrazzjoni Mons. Arċipriet C. Scicluna kien offra riċeviment lil dawn is-Saċerdoti.

Ir-ritratt juri lil Mons.Isqof Nikol Ġ. Cauchi flimkien ma' dawn is-saċerdoti.

www.gozocathedral.org.mt

L-ARĊISQOF MIKIEL GONZI U L-KNISJA KATIDRALI TA' GĦAWDEX

L-Arċisqof Mikiel Gonzi għal ħafna snin (1924-1976) iddomina x-xena tal-ħajja tal-Knisja f'Malta u f'Għawdex. Difatti mill-1924 sa l-1944 kien l-Isqof tad-Djoċesi t'Għawdex u mill-1944 sa l-1976 kien l-Arċisqof Djoċesan ta' Malta. Perijodu hekk twil ta' episkopat ma jindikax ħaġa oħra ħlief l-influwenza li kellu Mons. Gonzi fil-gżejjer tagħna. F'dan l-artiklu jien sa nillimita ruħi għar-relazzjonijiet tiegħu mal-Knisja Katidrali fi żmien l-episkopat tiegħu.

INTERESS PARTIKULARI

Mons. Isqof Mikiel Gonzi dejjem ħa nteress partikulari fil-Knisja Katidrali kif fil-fatt hu dmir tiegħu. Difatti l-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan II tgħid hekk: **"L-isqof għandu jitqies bħala l-Qassis l-kbir tal-merħla tiegħu, li minnu ġejja u b'ċertu mod tiddependi l-ħajja tal-fidili tiegħu fi Kristu. Għalhekk, jeħtieġ li kulħadd jagħti l-akbar importanza lill-ħajja liturġika tad-djoċesi madwar l-Isqof l-aktar fil-Knisja Katidrali."** (Art. 41). U Mons. Gonzi bħal kull Isqof ieħor tad-dinja, dejjem fettex li s-Solennitajiet Liturġiċi jiġu ċċelebrati bl-akbar serjetà, devozzjoni u ġabra fil-knisja Katidrali mdawwar bil-fidili tad-djoċesi l-għaliex b'dehra bħal din aktar tispikka l-knisja fl-universalità tagħha.

minn

MONS. ARĊIPRIET CARMELO SCICLUNA

Funzjonijiet liturġiċi bħal dawn fil-knisja Katidrali joffru **"xhieda tal-knisja viżibbli mwaqqfa fid-dinja."** (Kost. Liturġika Art. 42).

Għalkemm Mons. Isqof M. Gonzi bħala Ragħaj spiritwali tad-Djoċesi Għawdxija għex qabel il-Konċilju Vatikan II, huwa diġà kellu din il-viżjoni tal-Knisja universali fil-funzjonijiet tiegħu fil-Knisja Katidrali. L-għaqda li tidher bejn il-fidili tal-parroċċi kollha tad-djoċesi miġburin fil-Knisja Katidrali waqt li jkun imexxi ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika l-Ordinarju tal-post tkun tfisser ukoll l-ispirtu ta' ħajja kommunitarja li teżisti fil-knisja universali.

F'dan ir-ritratt antik jidhru xi wħud mill-Monsinjuri tal-Katidral li jissemmew f'dan l-artiklu bħal Mons. Arċipriet Alfonso Hili, Mons. Lwigi Cordina li mbagħad laħaq Arċdijaknu tal-Katidral (1944-1952), Mons. P. Cauchi li dan ukoll laħaq Arċidjaknu tal-Katidral (1952-1980)

www.gozocathedral.org.mt

MOTA TA' FERH

L-ewwel darba li ssemma Mons. Gonzi fl-Atti Kapitulari tal-Knisja Katidrali bħala l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex kien fid-9 ta' Ġunju, 1924. F'din iċ-ċirkustanza nqrat fl-adunanza Kapitulari ittra li l-Isqof elett Mons. Gonzi kien bagħat lill-Kapitlu tal-Katidral biex jinfurmah li Huwa kien ġie maħtur bħala l-Isqof il-ġdid tad-Djoċesi Għawdxija. L-istess Kapitlu talab lill-Amministratur Apostoliku ta' Għawdex, Mons. Giov. Maria Camilleri, biex jordna li fl-10 ta' Ġunju, fl-10.15 a.m. tindaqq mota ta' ferħ mill-knejjes kollha ta' Għawdex. Il-Kapitlu għażel ukoll deputazzjoni biex tmur Malta tifraħ lil Mons. Gonzi għall-ħatra ġdida tiegħu. Din id-deputazzjoni Kapitulari kienet magħmula minn dawn il-membri: Arċipriet Alfonsu Hili, Mons. G. Cefai, Mons. Penit. S. Attard, u Mons. G. Pace. Ħadd minn dawn il-kanoniċi ma għadu ħaj.

KONSAGRAZZJONI EPISKOPALI

Il-Kapitlu tal-Katidral fl-Adunanza tad-29 ta' Ġunju, 1924, għażel deputazzjoni ta' kanoniċi biex tmur Malta għall-konsagrazzjoni ta' l-Isqof Mons. Mikiel Gonzi. Din id-deputazzjoni kienet magħmula minn dawn il-kanoniċi: Mons. Arċidjaknu Luigi Vella, Mons. Ġorġ Farrugia, Mons. Francesco Azzopardi, Mons. Ġużeppi Cefai, Mons. Salv Attard, Penitenzier, Mons. Fco Pace, Mons. Pawlu Cauchi u Mons. Micallef. Din il-konsagrazzjoni ta' l-Isqof Mikiel Gonzi kienet saret fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-20 ta' Lulju, mill-Isqof-Arċisqof ta' Malta Mons. Mawru Caruana.

Fl-istess adunanza l-Kapitlu ħaseb biex iwaqqaf kumitat ħalli jaħseb għall-festi li kellhom isiru fil-Katidral ta' Għawdex dak inhar ta' l-Ingress Solenni tiegħu fid-Djoċesi ta' Għawdex. Dan il-kumitat kien iffurmat minn rappreżentanza tal-Kapitlu, tal-Parrokat, tal-Kleru u taċ-Ċittadinanza Għawdxija. Il-membri tal-Kapitlu kienu: Mons. Arċidjaknu Luigi Vella, President, Mons. Salv Attard, Segretarju, Mons. G. Cefai, Mons. P. Cauchi u Mons. S. Gauci. Bħala rappreżentanti taċ-Ċittadinanza Għawdxija ġew magħżula l-Presidenti taż-żewġ baned Ċittadini flimkien ma' membru ieħor tal-kumitat rispettiv tagħhom. Malli twaqqaf dan il-kumitat minnufih beda l-ħidma tiegħu biex isiru festi xierqa għal din l-okkażjoni xejn komuni għad-djoċesi ta' Għawdex.

BOLLA PONTIFICIA

Fl-10 ta' Lulju, 1924, ħalla d-djoċesi ta' Għawdex l-Isqof Camilleri li kien irriżenja minn Isqof tad-Djoċesi tagħna minħabba saħħtu, iżda baqa' amministratur ta' l-istess djoċesi sakemm jibda jmexxiha l-Isqof il-ġdid tagħha Mons. M. Gonzi.

Fl-adunanza Kapitulari tas-17 ta' Lulju, 1924, l-Arċidjaknu Mons. Luigi Vella qara lir-Rev.mi kollegi ittra mibgħuta lill-Kapitlu mill-Amministratur Apostoliku ta' Għawdex Mons. Giov. M. Camilleri. Din l-ittra kienet ġiet mibgħuta mill-kunvent tal-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta ta' Malta fejn issa kien rikoverat Mons. Camilleri għal xi ftit granet. F'din l-ittra l-imsemmi Amministratur kien għarraf lill-Kapitlu li kienet waslitlu l-'**Bolla Pontifica**' tal-ħatra ta' Mons. M. Gonzi bħala l-Isqof il-ġdid tad-Djoċesi ta' Għawdex. Din il-Bolla ġiet mibgħuta lill-Kapitlu biex l-ewwel tinqara f'adunanza Kapitulari u mbagħad il-Ħadd ta' wara tinqara minn fuq il-pulptu lin-nies.

Fost ħwejjeġ oħra f'din il-Bolla nsibu miktub dawn il-kelmiet:

> **"Pius Episcopus Servus Servorum Dei, dilectis filiis Capituli Ecclesiae Cathedralis...salutem et apostolicam benedictionem. Hodie Nos Dilectum Filium Michaelem Gonzi, Canonicum Theologum Coadiutorem Cathedralis Ecclesiae Melitensis, Ad Cathedralem Ecclesiam vestram Gaudisiensem... Apostolica auctoritate elegimus, ipsumque illi in Episcopum praefecimus et Pastorem."**

Fi ftit kliem din il-parti tal-'**Bolla Pontificia**' li ġġib id-data tal-10 ta' Ġunju, 1924, turi biċ-ċar li Mons. M. Gonzi ġie maħtur bħala Isqof Djoċesan t'Għawdex.

JUM L-INGRESS

Mons. Mikiel Gonzi ħa l-Ingress Solenni tiegħu fil-Katidral ta' Għawdex fl-10 ta' Awissu, 1924. Sa minn filgħodu kmieni, il-poplu Għawdxi nġabar fit-triqat li jieħdu lejn il-Knisja Katidrali biex jaraw lir-Ragħaj Spiritwali tagħhom il-ġdid riekeb id-debba bajda kif kienet it-tradizzjoni ta' dawk iż-żminijiet. Ir-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral għamel kull possibilità biex il-funzjoni fil-knisja tkun tabilħaqq solenni, grandjuża u tixraq tabilħaqq lill-Kap Spiritwali tad-Djoċesi. F'din l-okkażjoni s-seminarista Ġużeppi Grech, illum mejjet, kien għamel l-indirizz ta' l-okkażjoni qabel beda t-telgħa tal-

www.gozocathedral.org.mt

Katidral. Din il-paġna fl-istorja tal-Katidral tibqa' reġistrata b'ittri tad-deheb u l-ebda tul ta' żmien ma jiflaħ qatt iħassarha.

IL-KUNGRESS EWKARISTIKU

Fl-1 ta' Frar, 1929, l-Isqof Mikiel Gonzi kiteb lir-Rev.mi Kapitlu biex jurihom ix-xewqa tiegħu li f'Għawdex jiġi ċċelebrat l-ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan mit-30 ta' Mejju sat-2 ta' Ġunju u talabhom biex il-kanoniċi jkunu membri fil-kumitat li kellu jieħu ħsieb jorganizza dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi. Ir-Rev.mi Kapitulari aċċettaw bil-qalb dan l-inkarigu. Fil-fatt dan il-Kungress imbagħad kien sar bejn id-9 u s-16 ta' Ġunju, 1929. F'konnessjoni ma' dan il-Kungress Ewkaristiku fil-Knisja Katidrali kienu saru dawn il-funzjonijiet:

a) Il-Ħamis, 13 ta' Ġunju: Ftuħ uffiċċjali ta' dan il-Kungress.

b) Il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju, 1929: Fit-8.30 a.m. Quddiesa Pontifikali bil-kant Gregorjan u adorazzjoni Ewkaristika l-ġurnata kollha.

c) Is-Sibt, 15 ta' Ġunju, 1929: Fl-10.00 p.m. beda lejl ta' talb u l-quddies beda minn nofs il-lejl tal-Ħadd u baqa' sejjer sas-sebħ.

d) Il-Ħadd, 17 ta' Ġunju, 1929: Fis-7.00 a.m. saret quddiesa bir-Rit Grieg. Fid-8.45 a.m. telaq mill-Palazz Veskovili korteo bl-Isqfijiet kollha li ħadu sehem f'dan il-kungress u wara ġie ċċelebrat Pontifikal solenni. Kienet ħadet sehem il-mużika ta' Karlu Diacono, is-surmast tal-Kappella tal-Katidral ta' Malta. Fl-4.30 p.m. bdiet purċissjoni solenni Ewkaristika mill-Katidral għat-tribuna li kien hemm imwaqqfa fi Triq Fortunato Mizzi, illum triq ir-Repubblika.

Bla dubju ta' xejn, dan kollu juri l-importanza li l-Isqof Gonzi kien ta lill-Knisja Katidrali f'dan l-ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan.

ĦWEJJEĠ OĦRA:

L-Isqof Gonzi wkoll fl-Episkopat tiegħu:

a) ikkonsagra fl-1925 l-artali ta' San Ġużepp, Sant'Ursula, San Filippu u San Franġisk di Paolo;

b) irriforma, wara ħafna snin ta' studju u diskussjonijiet fost il-kanoniċi, l-istatuti kapitulari tagħhom.

c) ħallas għall-gandlieri l-ġodda tal-metall għall-artal ta' San Ġużepp.

d) ġab lill-kanoniċi tal-Katidral il-privileġġ tal-ħasil ta' l-idejn fil-quddiesa b'utensili speċjali bis-saħħa tal-'**Breve Pontificio**' li ġġib id-data tal-15 ta' Awissu, 1937, u l-firma tal-kardinal Eugenio Pacelli, Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan.

e) ġew restawrati xi kwadri li ħallas għalihom l-istess Isqof Gonzi.

f) mexxa funerali solenni għal ruħ ommu u missieru fil-Katidral fl-1927 u fl-1935 rispettivament.

g) iċċelebra fl-1933 ġewwa l-Katidral il-Ġublew tal-Fidda Saċerdotali tiegħu.

Dawn il-ħidmiet kollha ta' l-Isqof Gonzi mal-Katidral juru biċ-ċar l-interess li kellu f'din il-Knisja Katidrali.

STONATURA?

Madankollu, hawn min jaħseb li Mons. Gonzi spiċċa l-episkopat tiegħu f'Għawdex bi stonatura mal-Kapitlu tal-Katidral. Ħafna jafu x'inhi r-raġuni. Meta Mons. Isqof Gonzi ġie promoss għall-Arċidjoċesi ta' Malta, id-djoċesi ta' Għawdex saret suffraganja għal dik ta' Malta u b'hekk id-djoċesi ta' Għawdex ma baqgħetx direttament u immedjatament soġġetta għas-Santa Sede u saret dipendenti minn dik ta' Malta.

Kien hemm min xeħet it-tort fuq l-Arċisqof M. Gonzi u l-istess Kapitulari kienu pprotestaw kontra dan l-aġir quddiem l-awtorità kompetenti l-għaliex dispożizzjoni bħal din f'dak iż-żmien kienet ikkunsidrata bħala umiljazzjoni għad-djoċesi ta' Għawdex.

Iżda l-Arċisqof M. Gonzi kien kiteb ittra privata lil kull membru tal-Kapitlu tal-Katidral biex jurihom bil-provi li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mad-dispożizzjoni l-ġdida li kienet ħadet is-Santa Sede dwar id-djoċesi ta' Għawdex. Wara din l-ittra, il-kapitlu tal-Katidral kien irtira mill-pożizzjoni iebsa li kien ħa.

Illum il-mentalità tal-Knisja tbiddlet. Illum il-knisja hija favur il-provinċji ekkleżjastiċi fis-sens li d-djoċesijiet qrib xulxin għandhom jingħaqdu ma' l-akbar waħda fosthom mingħajr ma jitilfu l-identità partikulari tagħhom. Difatti fid-digriet '**Christus Dominus**' tal-Konċilju Vatikan II naqraw: "**dawk id-djoċesijiet li huma immedjatament soġġetti għas-Sede Apostolika u li m'humiex diġà magħquda ma'**

www.gozocathedral.org.mt

djoċesi oħra għandhom, jekk ikun possibbli, jingħaqdu fi provinċja ekkleżjastika ġdida jew jingħaqdu mal-provinċja l-aktar fil-qrib jew li taqbel l-iżjed GĦALIHOM u jitqiegħdu taħt il-jedd tal-Metropolita, kif jitlob id-dritt kommuni." (Art. 40). L-iskop ta' din il-mentalità ġdida fil-knisja huwa wkoll biex id-djoċesijiet aktar għonja jkunu jistgħu jgħinu djoċesijiet oħra aktar fqar biex iżżejjed ta' dawk jagħmel tajjeb għan-nieqes ta' dawn."

It-tendenza tal-knisja llum, mela, hija aktar li tgħaqqad flimkien id-djoċesijiet milli tħallihom immedjatament suġġetti għas-Santa Sede.

Monument ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-Katidral

MONUMENT

L-Arċisqof M. Gonzi dejjem baqa' marbut mad-Djoċesi ta' Għawdex. Ta' spiss kien jagħmel żjajjar lid-djoċesi ta' Għawdex u lill-Knisja Katidrali. U kellhom jgħaddu 52 sena eżatt mill-Ingress tiegħu episkopali t'Għawdex biex ġie mwaqqaf f'ġieħu monument fil-Katidral ta' Għawdex. Il-jum ta' l-Ingress kien fl-10 ta' Awissu, 1924, u l-inawgurazzjoni ta' dan il-monument saret fl-10 ta' Awissu, 1976. Dan il-monument twaqqaf biex ifakkar għal dejjem il-ħidma fejjieda li huwa wettaq fid-djoċesi Għawdxija u b'mod speċjali fil-knisja Katidrali. Dan il-monument inħadem fuq disinn tal-magħruf skultur Vincenzo Apap.

Xena tal-Konċelebrazzjoni li saret fil-Katidral fis-27 ta' Jannar, 1984, għal ruħ l-Arċisqof Mikiel Gonzi

IS-27 TA' JANNAR, 1984

Fis-27 ta' Jannar, 1984, fil-Katidral ta' Għawdex, Mons. Isqof N. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni ma' numru kbir ta' saċerdoti mid-djoċesi kollha b'suffraġju għal ruħ l-Arċisqof M. Gonzi. F'din l-okkażjoni Mons. Isqof f'omelija fakkar lill-assemblea liturġika fit-tagħlim ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi fiż-żmien li huwa kien għadda bħala Ragħaj Spiritwali tad-djoċesi Għawdxija. Difatti Mons. Isqof N. Cauchi ikkwota diversi ċirkularijiet u ittri pastorali milli kien ippubblika l-Arċisqof Gonzi fl-episkopat tiegħu f'Għawdex. Fihom wieħed jintebaħ bil-viżjoni universali tal-Knisja li kellu kif ukoll kemm kien bniedem kapaċi jagħraf is-sinjali taż-żminijiet u jħares lejhom minn nuċċali ta' l-oġġettività tagħhom. Dan it-tagħlim li ħallielna Mons. Gonzi fl-episkopat tiegħu f'Għawdex jixhed ukoll li waħda mill-karatteristiċi speċjali tiegħu kienet li kien jilqa' mill-bogħod il-kurrenti tal-ħażen li setgħu jinfiltraw fost in-ngħaġ tal-merħla tiegħu.

L-Arċisqof M. Gonzi miet, imma t-tifkira tiegħu tibqa' ħajja għal dejjem fil-memorja tal-Maltin u l-Għawdxin kollha minħabba l-ġid li wettaq f'kull settur tal-ħajja.

(Ħajr lill-Kapitlu tal-Katidral talli tani l-permess nara l-Atti Kapitulari ta' bejn l-1924-1944).

www.gozocathedral.org.mt

1 ta' Awissu, 1983

Kronaka tal-P

BIDU TAL-ĦAJJA NISRANIJA

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem it-Tarbija	Isem u Kunjom il-Ġenituri
1.	5. 8.83	Mark	Frank u Anita Muscat.
2.	9. 5.83	Andreas	Joe u Frances Camilleri.
3.	13. 8.83	Ruben	Alessio u Josephine Mizzi.
4.	14. 8.83	Mario	Joseph u Jane Abela.
5.	26. 8.83	Charlene	Salvator u Maria Vella.
6.	25- 9-83	Celine	George u Carmen Grech.
7.	1.10.83	Mario	Saviour u Pawla Camilleri.
8.	9.10.83	Angela-Maria	Dr. Michael u Bernardette Refalo.
9.	16.10.83	Ryan	George u Antonia Farrugia.
10.	16.10.83	Joseph	Carmel u Carmela Bajada.
11.	15.10.83	Carmel	late Carmel u M'Dolores Attard.
12.	23.10.83	John	Sam u Mariliana Rapa.
13.	11.11.83	Nadine	Ġorġ u Maria Grech.
14.	17.11.83	Joseph	Frankie u M'Dolores Farrugia.
15.	25.11.83	Lara-Marie	Fredrick u Carmen Azzopardi.
16.	11.12.83	Remona-Marie	Joe U Ċettina Cassar.
17.	17.12.83	Joseph	Adrian u Benna Agius.
18.	13. 1.84	Godfrey	Paul u Frances Borg.
19.	18. 2.84	Michael	Anton u Rose Farrugia.
20.	19. 2.84	Elise-Anne	Frank u Maria Bajada.
21.	11. 3.84	Greta-Paula	Walter u Marthese Mompalao.
22.	11. 3.84	Charmaine	Joe u Therese Vella.
23.	25. 3.84	Syaun	Anton u Winniefred Tabone.
24.	31. 3.84	Marvin	Emmanuel u Vincenza Buttigieg.
25.	29. 4.84	Christopher	Mario u Rose Farrugia.
26.	6. 5.84	George	Amante u Maria Mercieca.
27.	6. 5.84	Dorielle	Frank u Maria-Assunta Vella.
28.	9. 5.84	Charlene	Ronald u Jessie Borg.
29.	5. 6.84	George	Joseph u Antoinette Vella.
30.	16. 6.84	Joseph	Lewis u Isabella Attard.
31.	1. 7.84	Charlene	Saviour u Ċetta Debrincat.
32.	1. 7.84	Jan	Paul u Maria Scicluna.
33.	7. 7.84	Stephanie Jean	Dr. Paul u Frances Coppini.
34.	8. 7.84	Charlene	Joe u Antoinette Zammit.
35.	12. 7.84	Kateann	Anton u Hilda Farrugia.
36.	13. 7.84	Michael Paul	Paul u Sylvia Lanzon.
37.	19. 7.84	Dorian	Pawlu u Marija Xiberras.

www.gozocathedral.org.mt

Parrocca

31 ta' Lulju, 1984

ISMIJIET TAT-TFAL LI GHAMLU L-GRIŻMA TA' L-ISQOF FIL-KATIDRAL TA' GHAWDEX — 31 ta' Mejju, 1984

1.	Attard Giovanni	9, Ter. Hse, Type 2, Sannat Road.
2.	Attard Mario	12, Library Street.
3.	Attard Patrick	18, St. Augustine Square.
4.	Calleja John	19A, Republic Street.
5.	Camilleri Joseph	15, Sir Paul Boffa Street.
6.	Cini Emanuel	52, St. George's Street.
7.	Cutajar Joseph	'Cutajar Est', 31st March Street.
8.	Debrincat Michael	N.B. Antonio Mallia Street.
9.	Grech Antonello	N.B. Mary Meylak Street.
10.	Grech Anton	34, St. Ursula Street.
11.	Grech Marlon	N.B. Ġilju Street.
12.	Grech Oliver	76, St. Ursula Street.
13.	Grech Simon	62, St. John Street.
14.	Masini Jason	Plot 20, 'St. Anna', Fomm il-Ġir Street.
15.	Mercieca Marlon	Cariss Hse, Ġanni Vassallo Street.
16.	Mercieca Michael	'Joslin', Borg Gheritu Street.
17.	Portelli David	37, M'Angelo Refalo Street.
18.	Spiteri George	Block 1 A.F., Flat 6, Sannat Road.
19.	Vella Gerald	62, St. Augustine Street.
20.	Vella Joseph	'Madonnina', Sannat Road.
21.	Vella Charlie	154, St. Ursula Street.
22.	Vella Saviour	16, 7th June 1919 Street.
23.	Scicluna Anthony	6, Library Street.
24.	Xerri Edward	97, Vajrinġa Street.

1.	Bezzina Mary Ann	196,St. Ursula Street.
2.	Camilleri M. Rose	'Antest Maison', Borg Gheritu Street.
3.	Cordina Pauline Joyce	'Kedron', St. George's Fief Street.
4.	Farrugia Irene	N.B. St. George's Fief
5.	Galea Joanna	'Marga', Sannat Road.
6.	Grima Josephine	'God Bless Our House', N.B. Sannat Road.
7.	Hili Francelle	'Ave Maria', Sannat Road.
8.	Hili Maria	24, Foreman Street.
9.	Mercieca Claudia	N.B. Anton Mallia Street.
10.	Muscat Marlene	'Maison Muscat', Mary Meylak Street.
11.	Psaila Ivana	'Ansiva', Sannat Road.
12.	Psaila Katya	N.B. Sir Paul Boffa Street.
13.	Zammit Doreen	Block 1A, Flat 8, Taċ-Ċawla.
14.	Zammit Sonya	70, Archpriest Cassar Street.
15.	Zammit Spiteri Doreen	'Belleview', N.B. Triq il-Ġilju.

BARRA MILL-PARROĊĊA

1.	Attard John	'Sunrise Hse', 31st March 1979 Street (Xewkija).
2.	Camilleri Pierre	28, Assumption Street (Kanada).
3.	Cauchi Tanya	Flat 3, Block G, Taċ-Ċawla (Nadur).

www.gozocathedral.org.mt

Ismijiet ta' dawk li dahlu ghall-Prokreazzjoni u t-Trobbija tal-Ulied bis-Sagrament taż-Żwieġ

"Dak li għaqqad Alla ma jistax iħollu l-bniedem"

Awissu: Lawrence Sultana u Maria Spiteri; Francis Galea u Anette Scicluna.
Settembru: Victor Sultana u Miriam Grech.
Ottubru: Simon Mamo u Rowena Busietta.
Novembru: John Camilleri u Miriam Camilleri.
Diċembru: Eugene Tabone u Marlene Vella.
Jannar 1984: Peter Sultana u Josianne Mompalao; M'Angelo Habar u Francesca Vella.
Marzu: John Calleja u Miriam Cordina; Carmelo Bugeja u Tereża Mercieca.
April: Leo Sciortino u Gracie Zammit.
Mejju: Alex Mizzi u Marlene Galea.
Lulju: Joe Galea u Tessie Zahra; Joe Scicluna u Maria Mizzi.

Dawk li s-sena dahlu jissaffew fil-Purgatorju

"Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta'dejjem"

Awissu: Anton Scicluna; Ġorġ Camilleri; Carmelo Azzopardi; Antonia Muscat.
Settembru: Liża Grech; Joe Attard Bondi; Isidoru Mizzi; Maria Mizzi.
Ottubru: Ġorġa Azzopardi.
Novembru: Ġorġ Gatt; Ġorġina Masini; Ġużeppa Camilleri. Joseph Grech.
Diċembru: Gesualda Caruana; John Debrincat; Joseph Xerri; Mikelina Zammit.
Jannar 1984: Ġorġ Saliba.
Frar: Wiġi Axiaq; Salvu Cremona; Carmelo Masini; Manwel Gatt.
Marzu: Joseph Said; Annetta Bondi; Willie Le Provost; Saver Micallef.
April: M'Angelo Micallef.
Mejju: Carmelo Azzopardi.
Ġunju: Ġiġa Farrugia; Anton Cilia; Joseph Cilia; Carmela Gauci.

www.gozocathedral.org.mt

Ikkontribwew għal din ir-Rivista

1.	Singer Sewing Centre	*Main Gate Street, Victoria.*
2.	Electra Hotel	*Marsalforn, Gozo.*
3.	John Calleja	*Republic Street, Victoria.*
4.	Baċi F. Bezzina	*Republic Street, Victoria.*
5.	Frances' Hairdresser	*Palm Street, Victoria.*
6.	Joe Scicluna	*Palm Street, Victoria.*
7.	Mejlak Jewellery	*Republic Street, Victoria.*
8.	Farrugia Jewellery	*Republic Street, Victoria.*
9.	Gozo United Rent-A-Car	*Republic Street, Victoria.*
10.	HomeMart	*Republic Street, Victoria.*
11.	Grech's Store	*Republic Street, Victoria.*
12.	S. Bajada	*Republic Street, Victoria.*
13.	C. & S. Supermarket	*Main Gate Street, Victoria.*
14.	Kelina's Jewellery	*Karl Bondi Street, Victoria.*
15.	Kelinu Spiteri	*Karl Bondi Street, Victoria.*
16.	Abela Pharmacy	*De Soldanis Street, Victoria.*
17.	Palm Pharmacy	*Palm Street, Victoria.*
18.	Lantern Hotel	*Marsalforn, Gozo.*
19.	The Mermaid Bar & Rest.	*Marsalforn, Gozo.*
20.	Marsalforn Hotel	*Marsalforn, Gozo.*
21.	Odyssey Bar & Rest.	*Marsalforn, Gozo.*
22.	The Smugglers' Cave	*Marsalforn, Gozo.*
23.	Flowers Bar	*Menqa, Marsalforn.*
24.	Batu Pharmacy	*Palm Street, Victoria.*
25.	Cordina's Photo Market	*Main Gate Street, Victoria.*
26.	Book Rose	*Republic Street, Victoria.*
27.	May's Boutique	*Republic Street, Victoria.*
28.	V. Sultana Vulcanizer	*Republic Street, Victoria.*
29	Jos. Cassar Vulcanizer	*Ninu Cremona Street, Victoria.*
30.	Victory Bar & Restaurant	*Marsalforn.*
31.	N.N.	*St. Domenica Street, Victoria.*
32.	N.N.	*St. Domenica Street, Victoria.*
33.	Gozo Aluminium	*Paul Portelli Street, Victoria.*
34.	Castle Pharmacy	*Main Square, Victoria.*
35.	Kenur Bar & Rest.	*Xlendi Street, Xlendi.*
36.	Kartell Bar & Rest.	*Marsalforn, Gozo.*
37.	Four Seasons Boutique	*Republic Street, Victoria.*
38.	Tritons Bar & Rest.	*Marsalforn, Gozo.*
39.	Electronics Office	*St. Francis Square, Victoria.*
40.	Cefai Jewellery	*St. Domenic Street, Victoria.*
41.	Mayjo Garage	*Republic Street, Victoria.*
42.	Rain Drops	*Main Gate Street, Victoria.*
43.	Lorry Fenech	*Sannat Road, Victoria.*
44.	Duke of Edinburgh Hotel	*Republic Street, Victoria.*
45.	Martin's General Store	*Main Gate Street, Victoria.*
46.	Doris Jewellery	*St. Andrew Street, Victoria.*
47.	Drop-In Bar	*Marsalforn, Gozo.*
48.	Nancy Saloon	*Main Gate Street, Victoria.*
49.	Ġorġ Farrugia, Carpenter	*Capuchins' Street, Victoria.*
50.	Gozo Garage	*Xagħra Road, Victoria.*

www.gozocathedral.org.mt

Ġrajjiet Importanti ta' Matul is-Sena

1- 8-83: Ġiet ippubblikata r-rivista ta' darba f'sena "L-Għid ta' l-Assunta".

10- 8-83: Ġiet imtellgħa "Il-Ballata tal-Konvoy", ta' Anton Farrugia fil-preżenza tal-President tar-Repubblika, is-Sinjorina Agatha Barbara.
Inġabret kwantità kbira ta' oġġetti ta' l-ikel għall-Istituti tal-Karità fid-Djoċesi.
Mons. Ġużeppi Gauci qaddes għall-erwieħ tal-parruċċani li mietu matul is-sena.

15- 8-83: L-Għid ta' l-Assunta. Ġie mfakkar it-8 anniversarju mill-Inkurunazzjoni tax-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru titulari tal-Katidral.

12- 9-83: Fetaħ fil-Katidral il-Kungress Internazzjonali Marjan b'konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

18- 9-83: Żar il-Katidral filgħodu l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Salvatore Pappalardo, il-Legat tal-Papa għall-Kungress Internazzjonali Marjoloġiku u Marjan.

22- 9-83: Egħluq il-119-il sena mill-erezzjoni tad-Djoċesi. Saret funzjoni speċjali fil-Katidral.

25- 9-83: Inżamm "Jum il-Katekiżmu" fil-Parroċċa tal-Katidral.

6-10-83: Ftuħ uffiċċjali tas-Sena Kateketika 1983/84 b'quddiesa fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din il-quddiesa ġiet iċċelebrata minn Mons. Ġorġ Tabone.

11-10-83: Egħluq il-217-il sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Katidrali. Saret Konċelebrazzzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

21-10-83: Sant'Ursula, waħda mill-Kompatruni ta' Għawdex. Saret konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxxija minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

23-10-83: Sar Jum il-Missjoni. Fil-Katidral fil-quddies inġabret is-somma ta' Lm346.00.0.

1-11-83: Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa l-Konċelebrazzjoni tas-Solennità Liturġika tal-Qaddisin Kollha.

2-11-83: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' l-Għid ta' l-Imwiet.

6-11-83: Bdiet il-Mini Missjoni fil-Parroċċa tal-Katidral, serje ta' Konferenzi għad-diversi kategoriji tal-kommunità parrokkjali.

12-11-83: Egħluq tal-Mini Missjoni b'konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Arċipriet C. Scicluna.

20-11-83: Il-Kommunità Parrokkjali ħadet sehem fil-korteo ta' Kristu Re.

27-11-83: Patri Alfred Xerri beda l-priedki fil-Katidral tal-Ħdud ta' l-Avvent.

29-11-83: Fetaħ fiċ-Ċentru Parrokkjali l-Bazaar tal-Milied.

8-12-83: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tas-Solennità Liturġika ta' l-Immakulata Kunċizzjoni.

18-12-83: L-ewwel laqgħa speċjali fiċ-Ċentru għat-tfal li kienu qegħdin jithejjew għas-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof kif ukoll għall-ġenituri tagħhom.

www.gozocathedral.org.mt

22-12-83: Sar kwizz bibbliku għat-tfal li jattendu l-klassi tas-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Mexxa l-kwizz is-Sur Anton Farrugia.
23-12-83: Saru għanjiet xeneġġjati tal-Milied. Produzzjoni ta' R. Sultana u M. Zammit.
25-12-83: Mons. Isqof mexxa l-funzjonijiet speċjali kollha tas-Solennità Liturġika tal-Milied. It-tifel Gordon Gatt għamel il-Priedka tal-Milied.
28-12-83: Saret Serata Natalizja fiċ-Ċentru Parrokkjali. Mexxa Mons. Ġorġ Tabone.
30-12-83: Saru 'Bingo u Pizza Party' fiċ-Ċentru Parrokkjali.
31-12-83: Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa l-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' egħluq is-sena .Tkanta t-''Te Deum'' ta' radd il-ħajr.
1- 1-84: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' Jum il-Paċi.
18- 1-84: Bdiet l-Ottava ta' talb għall-Għaqda bejn il-Knejjes.
11- 2-84: Fetħet il-Ġimgħa tal-Parroċċa.
18- 2-84: Għalqet il-Ġimgħa tal-Parroċċa li matulha saret kampanja ta' ġenerożità għat-tfal ta' l-Istituti tal-Karità li għandna fid-Djoċesi.
7- 3-84: Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' Ftuħ ir-Randan.
10- 3-84: Sar Pellegrinaġġ Penitenzjali bl-Istatwa tar-Redentur miċ-Ċentru sal-Katidral.
11- 3-84: Patri Alfred Xerri, Kapuċċin, beda l-priedki tar-Randan kull nhar ta' Ħadd. .
17- 3-84: Sar Pellegrinaġġ Penitenzjali għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.
19- 3-84: Mons. Arċidjaknu Giov. B. Gauci mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' San Ġużepp.
24- 3-84: Sar Pellegrinaġġ Penitenzjali mill-Kappella ta' San Ġużepp fiċ-Ċittadella għall-Knisja Katidrali.
31- 3-84: Il-Kommunità Parrokkjali ħadet sehem fil-''**Via Crucis**'' Djoċesana mal-Għolja ta' Għammar.
2- 4-84: L-Arċipriet Emeritu Dun Ġużepp Borg Attard beda l-Eżerċizzi Spiritwali fil-Katidral.
4- 4-84: Inġabret is-somma ta' Lm787 għas-Seminarju.
7- 4-84: Ħarġet il-Purċissjoni tal-Passjoni f'forma ta' Pageant Reliġjuż.
Matul il-Ġimgħa Mqaddsa Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa l-funzjonijiet kollha liturġiċi.
17- 4-84: Inżamm Kunċert Mużikali mill-Watford School of Music.
18- 4-84: Sar Servizz Penitenzjali Kommunitarju bħala thejjija għal-qrara tajba.
19- 4-84: Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni mas-Saċerdoti kollha t'Għawdex li fiha tbierku ż-Żjut u ġew imġedda l-Wegħdiet taċ-Ċelibat Saċerdotali.
22- 4-84: Beda t-tberik tal-familji fi żmien l-Għid mill-Arċipriet u s-Saċerdoti tal-Presbiterju Parrokkjali.
29- 4-84: Ġie mfakkar egħluq it-28 sena minn meta s-Soċjetà Filarmonika ''Leone'' irregalat l-istatwa ta' l-Assunta lill-Knisja Katidrali. Fr. Ġorġ Mercieca għamel id-diskors taċ-ċirkostanza.
2- 5-84: Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' l-Ewwel Erbgħa mill-Ħmistax il-Erbgħa li jiġu qabel il-festa ta' Santa Marija.
26- 5-84: Ftuħ tal-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'Konċelebrazzjoni li fiha Mons. Isqof ordna 2 sacerdoti u 6 djakni.
27- 5-84: Mons. Carmelo Mercieca, Arċipriet tax-Xewkija, kellem lill-ġenituri tat-tfal li kellhom jirċievu s-Sagrament tal-Griżma ta' l-isqof.
28- 5-84: Mons. G. Tabone mexxa laqgħa speċjali għall-kandidati tal-Griżma ta' l-Isqof.
29- 5-84: Mons. Penit. Girgor Vella amministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lil xi morda anzjani fil-Katidral waqt iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

www.gozocathedral.org.mt

31- 5-84: Mons. Isqof f'Konċelebrazzjoni amministra s-Sagrament tal-Konfermazzjoni fil-fidi lil bosta tfal tal-parroċċa.

1- 6-84: Ftuħ ta' l-Espożizzjoni Solenni. Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni ma' xi Monsinjuri li din is-sena kienu qegħdin jiċċelebraw jew egħluq il-25 sena jew il-50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom.

2- 6-84: Fr. Joe Bezzina mexxa laqgħa speċjali ta' talb għat-tfal tal-parroċċa. Mons. Arċipriet C. Scicluna mexxa konċelebrazzjoni mas-saċerdoti li din is-sena għalqu 25 sena mill-Ordinazzjoni saċerdotali tagħhom.

3- 6-84: Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi għalaq il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'Konċelebrazzjoni Solenni u b'Purċissjoni Ewkaristika.

7- 7-84: Inżamm fil-Katidral kunċert vokali minn kor Skoċċiż "Scottish Youth Choir".

12- 7-84: Żar il-Knisja Katidrali l-Emm.za Tiegħu l-Kardinal Corrado Ursi.

14- 7-84: Żar il-Knisja Katidrali l-Emm.za Tiegħu l-Kardinal Opilio Rossi. Iż-żewġ Kardinali ħadu sehem fil-Festi Speċjali li saru fil-Bażilika Kolleġġjata u Parrokkjali ta' San Ġorġ f'egħluq is-1700 sena mit-twelid ta' dan il-qaddis.

L-ISBAĦ RIGAL LILL-ASSUNTA
QRARA U TQARBINA NHAR IL-FESTA

TONY'S STORE

JEW AĦJAR

IL-MEKKA TA' L-GĦAWDXIN
JOFFRI L-ORĦOS PREZZIJIET FUQ
KULL MA GĦANDEK BŻONN FID-DAR

Tixtrix qabel tara l -assortiment tagħna ta'

FRIDGES — COOKERS
WASHINNG MACHINES — LINEF
U MITT ELF ĦAĠA OĦRO TA'
ĦTIEĠA JEW LUSSU GĦAD-DAR
ISSIBNA MALAJR GĦAX FIS-SAQAJN

25, IT-TOKK, RABAT — GĦAWDEX.

Ċempel: 556629.

www.gozocathedral.org.mt

ATTIVITAJIET FIĊ-ĊENTRU PARROKKJALI TAL-KATIDRAL GĦAS-SENA 1983-84

www.gozocathedral.org.mt

A. ATTIVITAJIET PASTORALI REGULARI

1. **Quddiesa** fil-ġranet kollha tax-xogħol fid-9.30 a.m. Attendenza 35-50.

2. **Quddiesa** kull nhar ta' Sibt għat-tfal fil-5.00 p.m. Attendenza 65-75.

3. **Katekiżmu** għall-Kandidati tas-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.

Għall-bniet il-lezzjonijiet ikunu nhar ta' Tnejn u nhar ta' Tlieta mill-4.30 p.m. sal-5.15 p.m. Katekista Sister M. Matilde tal-Karità.

Għas-subien il-lezzjonijiet ikunu nhar ta' Ħamis u nhar ta' Ġimgħa mill-5.30 p.m. sas-6.15 p.m. Katekisti Fr. Joe Bezzina u Anton Bezzina.

4. **Konferenza** ta' kull xahar għan-nisa u għall-irġiel. Din tkun kull tieni Erbgħa tax-xahar. Għan-nisa fis-2.00 p.m. u għall-irġiel fis-6.00 p.m.

5. **Laqgħat** għaż-żgħażagħ kull ħmistax tax-xahar. Jieħu ħsieb dawn il-laqgħat Mons. Ġorġ Tabone.

B. ATTIVITAJIET KULTURALI REGULARI

1. Lezzjoni bit-Taljan kull nhar ta' Erbgħa. Għalliem Sem. Victor Vella.

2. Lezzjoni tal-Franċiż kull nhar ta' Erbgħa. Għalliem Sem. Marċell Tabone.

3. Lezzjoni tal-Biology kull nhar ta' Tnejn fis-6.30 p.m. Għalliem Mr. S. Grech.

4. Lezzjoni tal-Chemistry kull nhar ta' Tlieta fis-6.30 p.m. Għalliem Mr. Anton Farrugia.

N.B. *Dawn il-lezzjonijiet kollha jsiru bla ebda ħlas.*

5. Ftuħ tal-Biblijoteka Parrokkjali għall-pubbliku.

Fil-ġranet kollha tax-xogħol mid-9.30 a.m. sal-10.30 a.m.

It-Tnejn, it-Tlieta u s-Sibt mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m.

6. Ftuħ tal-Catholic Bookshop fil-ġranet kollha tax-xogħol fil-għodu u fil-għaxija.

Jieħdu ħsieb Mrs. Dolora Zammit u Miss Mary Psaila.

C. ATTIVITAJIET REGULARI FILANTROPIĊI

1. Working team ta' żgħażagħ biex jieħdu ħsieb darba fil-ġimgħa l-ħruġ u d-dħul tal-kotba tal-Biblijoteka.

2. Working team mill-membri tal-Ladies Circle li jiltaqgħu darba fil-ġimgħa biex jieħdu ħsieb jagħmlu xi xogħol b'xejn (ħjata, Xmas Cards, eċċ.), għall-Bazaar li jsir b'risq iċ-Ċentru f'Diċembru ta' kull sena. L-istess working team jieħu wkoll il-filing ta' xi korrispondenza tal-parroċċa kif ukoll l-istampar u t-tqassim tal-Bullettin ta' kull ġimgħa lill-familji.

3. Working team magħmul minn Frankie Psaila, Carmelo Grech u Saviour Gatt li ta' kull xahar jieħdu ħsieb jiċċekkjaw il-kontijiet tal-Bookshop u tal-Bar.

D. ATTIVITAJIET REGULARI RIKREATTIVI

1. Ftuħ tal-Bar kuljum f'ħinijiet stabiliti. Min-12.30 p.m. sas-2.00 p.m. u mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m. Jieħdu ħsieb Nenu Xerri u Mrs. Mercieca.

2. Filmshow kull nhar ta' Ħadd fil-5.30 p.m. Il-film ikun tajjeb għall-familja kollha.

3. Wine & Pizza Party darba fix-xahar organizzat mill-membri tal-Ladies Circle.

4. Tombla darba fix-xahar organizzata mill-membri tl-Ladies Circle.

5. Kull nhar ta' Sibt u kull nhar ta' Hadd partita football mit-team tat-tfal taċ-Ċentru. Jieħu ħsieb Anton Camilleri.

E. ATTIVITAJIET OHRA PASTORALI, KULTURALI, FILANTROPIĊI U RIKREATTIVI LI MA HUMIEX REGULARI

1. PASTORALI:

a) **Film Forum** dwar il-ħajja soċjali ta' saċerdot għaż-żgħażagħ.

Panel tal-Forum: Chairman: Mons. Isqof N. Cauchi u membri: Mr. Ant. Farrugia u Mr. Joe Psaila.

b) **Play Forum** bl-isem ta' **'Michael'** għaż-żgħażagħ.

Panel tal-Forum: Chairman: Mons. Arċipriet C. Scicluna u membri: Mrs. Gracie Casssar u Mr. Ant. Farrugia.

c) **Laqgħat** għall-ġenituri u oħra għat-tfal tagħhom li din is-sena sa jirċievu s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. L-ewwel waħda fit-18/12/83, it-tieni waħda fil-11/3/84 u l-aħħar waħda fit-23/5/84.

2. KULTURALI

a) Diversi ħarġiet Kulturali għaż-żgħażagħ. Jieħu ħsieb Mons. Ġorġ Tabone.

b) Show Speċjali tal-Milied bis-sehem tat-tfal u taż-żgħażagħ tal-Parroċċa.

c) Premjazzjoni fil-ġranet tal-Milied għat-tfal kollha li jattendu ċ-Ċentru.

3. FILANTROPIĊI

a) Stampar ta' diversi bullettini, leaflets, posters, eċċ., mis-Sur Anton Farrugia bil-Gestetner taċ-Ċentru għal diversi knejjes, assoċjazzjonijiet u għaqdiet.

b) Organizzazzjonijiet ta' xi ħarġiet għal Malta għall-anzjani mill-membri tal-Ladies Circle.

4. RIKREATTIVI

1) Get-together għall-helpers kollha tal-Parroċċa.

2) Dinner bil-ħlas b'risq il-manutenzjoni taċ-Ċentru. Dan isir darbtejn fis-sena.

3) Early Morning Xmas Special Breakfast.

4) Żewġ Disco Dances għaż-żgħażagħ, wieħed f'Novembru u l-ieħor f'Marzu.

HEMPEL'S MARINE PAINTS (MALTA) LTD.

MANUFACTURERS OF

HIGH QUALITY

HOUSEHOLD, INDUSTRIAL AND

MARINE PAINTS

SUPPLIERS TO THE MALTA GOVERNMENT, LEADING
INDUSTRIAL FIRMS & THE BUILDING INDUSTRY

28B, SOUTH STREET, VALLETTA.

Tel. Cen. 625911, 22215.

www.gozocathedral.org.mt

TAQSIMA PASTORALI

Il-Katekeżi pre-Sagramentali fil-parroċċa tal-Katidral tiġi mogħtija mportanza l-aktar kbira kif titlob il-ħidma pastorali fi żminijietna. Dawn ir-ritratti juru l-interess tal-parroċċa tal-Katidral fil-ħidma kateketika għat-tfal li din is-sena rċivew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof u għall-ġenituri tagħhom.



PURĊISSJONI TAL-PASSJONI

Il-purċissjoni tal-Passjoni saret waħda mill-attivitajiet prinċipali tal-Parroċċa tal-Katidral. Fiha jieħdu sehem ħafna mill-membri tal-kommunità



parrokkjali u membri ta' kull kategorija: tfal, żgħażagħ, adulti, anzjani u saċerdoti.j Għal din il-purċissjoni jibdew it-thejjijiet minn bosta żmien qabel għax purċissjoni bħal din teħtieġ organizzazzjoni kbira. Kull aspett ta' din il-purċissjoni għandu kumitat biex jieħu ħsieb

www.gozocathedral.org.mt

jorganizza hu l-parti tiegħu f'din il-purċissjoni. Ir-rappreżentanti ta' dawn il-kumitati ma jonqsux imbagħad li jikkordinaw il-ħidma tagħhom mal-kumitat il-kbir li għandu f'idejh l-organizzazzjoni sħiħa ta' din il-purċissjoni pageant.

Dawn ir-ritratti juru xi elementi ġodda li kellna f'din il-purċissjoni.

www.gozocathedral.org.mt

A.F. ELLIS LTD.

7, Ghajn Qatet Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 556021

WE MANUFACTURE:
Beautifully Patterned Cement Tiles
Grooved Tiles for Roof and Yard
Terazzo & Marmo-Resin Tiles.

WE PRODUCE:
Floors — Stairs — Kitchen Tops — Skirtings
Fireplaces
in

THE BEST ITALIAN MARBLE & GRANITE

RECENT WORKS INCLUDE:
The Altar Piece at St. Francis Church, Victoria
The Floor of the Main Entrance of the Astra Complex
The Floor & Presbitery of the Rotunda Church

WE ARE 52 YEARS OLD

STILL LEADERS IN THE FIELD

www.gozocathedral.org.mt

TAQSIMA RIKREATTIVA

Il-ħidma rikreattiva ma tonqosx fi ħdan iċ-Ċentru Parrokkjali tal-Katidral. Ġew organizzati kompetizzjonijiet tat-table-tennis, tal-billiard, taċ-ċess u indoor games oħra. Parties matul is-sena ma naqsux. Din is-sena wkoll saret kompetizzjoni bejn tliet timijiet: it-tim taċ-Ċentru, ta' Għajnsielem u ta' San Lawrenz. It-tim taċ-Ċentru ħareġ rebbieħ f'dan il-league wara li ntlagħbu l-logħbiet kollha. L-istess tim ma tilifx logħba waħda.

www.gozocathedral.org.mt

FILANTROPIJA

Il-filantripija hija wkoll parti mill-ħidma tal-promozzjoni umana fi ħdan il-parroċċa. Illum il-kommunità parrokkjali hija sensibilizzata mhux biss favur il-ġenerożità lejn it-tfal ta' l-istituti tal-Karità li għandna fid-djoċesi, imma wkoll lejn is-

fid-djoċesi, imma wkoll lejn is-Seminarju u l-ħidma missjunarja fi ħdan il-Knisja universali. Għal dawn l-iskopijiet jinġabru ħafna flus. Iżda l-istess kommunità toffri wkoll il-kontribuzzjonijiet tagħha biex it-tfal tal-parroċċa fil-ġranet

tal-Milied jiġu mogħtija xi premijiet li jkunu jikkonsistu prinċipalment f'kotba u ġugarelli. Ta' kull sena wkoll jiġi mtella' bix-xorti Bambin kbir fost it-tfal kollha tal-parroċċa li jattendu d-duttrina fiċ-Ċentri rispettivi tagħhom.

www.gozocathedral.org.mt

JOSEPH CARUANA & CO. LTD.

Import and Commission agents of:

Knitting Yarn in hanks: Moher & Aran
Timber: Plywood — Chipboard — Blockboard, etc.
Steel: Hollow Section, Flat-Bar — Road Bars
Bathroom Accessories & Building Materials.

Tel. No. 556464.

Telegram: Fillecar Malta.

CARUANA HOOKS & NAILS CO. LTD.

Manufacturers of:

Nails: Square and Round.
Bright Steel-wire Nails: Copper Nails: Brass Nails and other Wire Products.

N. B. Ninu Cremona Street,
Victoria, Gozo.

Tel. No. 556464

Telegram: Fillecar Malta.

John Portelli Enterprises Ltd.

TRAVEL AGENTS - TOUR PLANNERS
7 MAIN SQUARE, VICTORIA, GOZO, MALTA. TEL: 556236
108 ST. JOHN STREET, VALLETTA, MALTA. TEL: 627016

FOR ALL YOUR TRAVEL REQUIREMENTS

www.gozocathedral.org.mt

TAQSIMA KULTURALI

www.gozocathedral.org.mt

Il-ħidma kulturali fi ħdan il-parroċċa tal-Katidral saret waħda mill-attivitajiet regulari u normali fil-Kalendarju tal-promozzjoni umana ta' din il-komunità nisranija. Ta' kull sena jiġu organizzati pageants reliġjużi kif ukoll serati letterarji li fihom jieħu sehem il-kor "Marija Assunta" tal-parroċċa tal-Katidral taħt it-tmexxija ta' M. Żammit. L-aspett tad-drama u tal-koreografija mhux nieqes fl-attivitajiet kulturali li jsiru matul is-sena. X'uħud minn dawn l-attivitajiet kulturali jsiru fuq il-Presbiterju tal-Knisja Katidrali fil-waqt li oħrajn jiġu mtellgħin fuq il-palk tas-sala taċ-

Ċentru Parrokkjali. Bla dubju attivitajiet u inizjattivi bħal dawn jgħinu mhux ftit biex it-tfal u ż-żgħażagħ ikabbru u jiżviluppaw it-talenti tagħhom. U f'dawn l-inizjattivi jkunu involuti ħafna

jattivi jkunu nvoluti ħafna nies bħal Mons. G. Tabone, A. Farrugia, R. Sultana, is-Seminaristi tal-parroċċa u oħrajn. Ir-ritratti ta' dawn iż-żewġ paġni huma xhieda ħajja ta' din il-verità.

www.gozocathedral.org.mt

RANK XEROX
COPY BUREAU

For All

Plain Paper Copying
COPY BUREAU & STATIONERY

Kennedy Square, Victoria, Gozo.
Tel. 553564.

Business Hours:

Monday to Friday:
8.00 a.m. to 12 noon — 3.00 p.m. to 7.00 p.m.
Saturday:
8.00 a.m. to 12.00 noon.

BUBBLES — General Importers

Kennedy Square, Victoria.

Joffrilkom:

* **Kmamar tal-Banju**
* **Madum taċ-Ċeramika**
* **Geysers**
* **Mirja**

Mill-Aktar Moderni u bi Prezzijiet
L-AKTAR MODERATI
Director: **Francis Caruana.**

CUPID HALL — CUPID COMPLEX

Republic Street, Victoria, Gozo.
Tel. No. 551126.

SALA EĊĊELLENTI:
* **Għall-Parties, Tiġijiet u Receptions.**

SALA SPAZJUŻA:
* **Għal Mijiet ta' nies bil-kumdità u dekorata b'xeni mill-isbaħ tipikament Għawdxin u bi sfond stupend għar-ritratti.**

Bar Mgħammar b'Kollox — Freezers Kbar u Moderni
Ejjew u Taraw — Tonfqu Anqas u Tinqdew Aħjar.

www.gozocathedral.org.mt

PARDI MOTORS LTD.

N.B. Republic Street, Victoria, Gozo.

Tel. 556678 – 553744

AUTO DEALERS
AUTO SERVICE & SPARES
PANEL BEATING
SPRAY PAINTING
TYRE & RADIATOR REPAIRS

GĦALL-AĦJAR XORB U LIKURI

irrikorru għand:

TERRY SHOP

TA' PJAZZA SAN ĠORĠ,
VICTORIA, GĦAWDEX.

www.gozocathedral.org.mt



Fr. Tony Mercieca, saċerdot li ħareġ mill-parroċċa tal-Katidral u li issa ilu s-snin fuq ħidma pastorali fl-Amerika, minn dejjem wera għożża speċjali għall-wirt kulturali ta' pajjiżna. Fr. T. Mercieca għandu ħafna għal qalbu l-Mużew tal-Katidral u mhux l-ewwel darba li għamel xi donazzjoni għal dan il-Mużew. Din is-sena Fr. Tony Mercieca rregala lil dan il-Mużew din is-sassla ta' valur kbir kemm mill-aspett artistiku kif ukoll mill-aspett ta' l-antikità. Il-kommunità parrokkjali tal-Katidral tirringrazzjah mill-qalb.

"L-ewwel hjiel ta' siwi li ghandna ta' din il-knisja imur lura sas-sena 1435 meta, eżatt fit-12 t'Ottubru insibu lil Nucio de Episcopo, Ghawdxi, ihalli xi haġa żghira lill-kappillan tal-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u . . . l-ebda knisja ohra f'Malta jew Ghawdex ma kienet tissejjah matriċi f'dawk iż-żminijiet bikrija".

WERREJ

Messaġġ ta' l-Arċipriet għal Jiem il-Festa 1
Il-Kommunità Parrokkjali tal-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta fis-sena 1678 2
1726: Il-Bidu tal-Purċissjoni ta' Santa Marija 6
Il-Kapitlu tal-Katidral ta' 100 sena ilu 10
Ġublew Saċerdotali 13
L-Arċisqof Mikiel Gonzi u l-Knisja Katidrali ta' Għawdex 14
Kronaka tal-Parroċċa 18
Ikkontribwew għal din ir-Rivista 21
Ġrajjiet Importanti ta' Matul is-Sena 22
Attivitajiet fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Katidral għas-sena 1983/84 25
Taqsima Pastorali 27
Purċissjoni tal-Passjoni 28
Taqsima Rikreattiva 31
Filantropija 32
Taqsima Kulturali 34

www.gozocathedral.org.mt